MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 10/2003/1

**Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>I  IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan mis-segwenti sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju, 2004. Is-sentenza appellata hija din:

**Il-Qorti:**

"Rat ir-Rikors imressaq fis-7 t'April, 2003, li bih ir-rikorrenti ippremettew;

"Illi fil-20 ta' Marzu, 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et" sabithom ħatja u kkundannathom kif hemm jingħad, u ċioe`:

"Għal dan il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali limitatament kif ser jintqal hawn taħt u ċioe billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermha in kwantu sabet lill-appellati Joseph Ellul Sullivan u Philip Azzopardi mhux ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u lliberathom minn kull imputazzjoni w piena, kif ukoll in kwantu illiberat liż-żewġ appellati l-oħra Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan mill-akkużi koperti bl-artikoli 60 (a) (b), 62 (a) (b) (c) (e) u (h) tal-Kap.37, minn dawk li jaqgħu taħt l-artikoli 167 u 172 tal-Kodiċi Kriminali (Kap.9) u minn kull akkuża taħt l-Att XXXI tal-1989; u tirrevokha in kwantu ma sabitx ħtija fi u lliberat lill-istess Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan mill-akkużi li jaqgħu taħt l-artikolu 62 (f) (g) (i) (k) u (m) tal-Kap. 37 taħt l-artikoli 169 u 308 tal-Kodiċi Kriminali, u minflok issib lill-appellati Andrew Ellul Sullivan, Direttur ta' Tessons Limited u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan, Direttur ta' J. Cachia Caruana Limited, ħatja talli f'dawn il-Gżejjer fl-aħħar sentejn qabel is-6 ta' Frar, 1992, b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala kompliċi, talli xjentement għamlu użu minn entries tad-Dwana, ossija, ċedola, polza ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċevi bihom ħlas jew jieħu konsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, liema entries kellhom fuqhom timbru falsifikat bi ksur tal-artikolu 169 tal-Kodiċi Kriminali skond l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħhom indikata bl-ittra a) fiċ-ċitazzjoni, kif ukoll ħatja talli b'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi urew ħaġa b'oħra sabiex ġagħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqlu tama, jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn Lm500 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta bi ksur tal-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, skond it-tielet u t-tmien imputazzjoni rispettivament indikata bħala c) u h) fiċ-ċitazzjoni kif emendata, kif ukoll lil Andrew Ellul Sullivan ħati talli, meta kien hu bħala Direttur tal-kumpannija Tessons Limited, importa għalih f'dawn il-Gżejjer numru ta' containers b'merkanzija ta' valur globali ta' Lm440,547.55c6m, dazju fuqhom Lm131,152. Levy Lm301,313.20c bil-ħsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement għamel użu minn dokumenti li bid-dehen tiegħu kien jaf li kienu foloz f'dettall sostanzjali u b'hekk bil-qerq warrab mill-post tal-kustodja dawn l-istess containers qabel ma d-dazju u levy dovuti ġew imħallsa jew kawtelati skond ir-raba' imputazzjoni indikata bl-ittra d) fiċ-ċitazzjoni kif emendata bid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-3 ta' April, 1992 (fol.272 Vol.II) u dana bi ksur tal-artikolu 62 (f) (g) (i) (k) u (m) tal-Kap. 37; kif ukoll lil Carmel sive Charles Ellul Sullivan ħati talli, meta huwa kien hu bħala Direttur tal-kumpannija J. Cachia Caruana Limited, import għalih f'dawn il-Gżejjer numru ta' containers b'merkanzija ta' valur globali ta' Lm272,714.17c, dazju Lm71,255 u Levy Lm210,062, bil-ħsieb li jevadi d-dazju dovut u r-restrizzjonijiet ta' importazzjoni, xjentement għamel użu minn dokumenti li bid-dehen tiegħu kien jaf li kienu foloz f'dettall sostanzjali u b'hekk bil-qerq warrab mill-post tal-kustodja dawn l-istess containers jew parti mill-kontenut tagħhom qabel ma d-dazju u l-levy dovuti ġew imħallsa jew kawtelati skond il-ħames akkuża dettota kontra tiegħu u indikata bl-ittra e) fiċ-ċitazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 62 (f) (g) (i) (k) u (m) tal-Kap.37.

"U wara li rat l-artikoli 62 (f) (g) (i) (k) u (m) u 77 tal-Kap. 37 u l-artikoli 169, 308, 14 (2), 17, 18, 19, 28A, 42, 43 u 46 tal-Kap. 9;

"Tikkundanna lil kull wieħed miż-żewġ appellati Andrew Ellul Sullivan għall-ksur tal-Liġi kontemplat fl-akkużi li

jaqgħu taħt l-artikoli 169 u 308 tal-Kap. 9 għall-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn b'dana li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin mill-lum il-ħatja jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

"Kif ukoll tikkundanna lil Andrew Ellul Sullivan għall-ħtija tiegħu taħt l-artikolu 62 tal-Kap. 37 għall-ħlas ta' multa ta' miljun, tnax il-elf, mitejn u sebgħa u erbgħin Lira Maltin u għaxar ċenteżmi (Lm1,012,247.10c) import ta' l-ammont tad-dazju dovut (Lm131,152) piu d-doppju tal-valur tal-oġġetti (Lm440,547.55c6 X 2 = Lm881,095.10c) iżda mhux ukoll il-levy in vista ta' dak li intqal dwar l-imputazzjoni taħt l-Att XXXI tal-1989; u tikkundanna lil Carmelo sive Charles Ellul Sullivan għall-ħtija tiegħu taħt l-artikolu 62 tal-Kap. 37, għall-ħlas ta' multa ta' sitt mija w sittax il-elf, sitt mija u tlieta w tmenin Lira Maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm616,683.34c) import tal-ammont ta' dazju dovut (Lm71,255) piu' d-doppju tal-valur tal-oġġetti (Lm272,714.17c X 2 = Lm545,428.34c) iżda mhux ukoll il-levy in vista ta' dak li ntqal dwar l-imputazzjoni taħt l-Att XXXI tal-1989;

"U fil-waqt li tiddikjara terz minn kull ammont rispettiv fuq imsemmi dovut minn kull wieħed miż-żewġ appellati bħala dejn ċivili li hu dovut bħallikieku kull wieħed mill-appellati ġie kundannat għall-ħlas tal-istess f'azzjoni ċivili magħmula bjen il-Gvern u l-ħati;

"Tikkonċedi lil kull wieħed miż-żewġ appellati li jħallas l-ammont rispettiv imsemmi minnu dovut fi żmien sitta u tletin (36) xahar f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar – fil-każ ta' Andrew Ellul Sullivan – ta' mhux inqas minn Lm28,118, l-ewwel pagament fl-20 t'April 2003 u l-aħħar pagament fl-20 ta' Marzu, 2006, u fil-każ ta' Carmelo sive Charles Ellul Sullivan f'rati mensili pagabbli fl-20 ta' kull xahar ta' mhux inqas minn Lm17,130.09c ukoll l-ewwel pagament fl-20 t'April, 2003 u l-aħħar pagament fl-20 ta' Marzu, 2006, b'dana illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk ma jitħallasx il-multa tiġi konvertita

fi priġunerija skond il-Liġi skond l-ammont li jkun għadu dovut.

"Illi dina s-sentenza ingħatat wara appell tal-prosekuzzjoni mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali fejn l-istess rikorrenti kienu insabu mhux ħatja tar-reati lilhom addebitati u kienu ġew liberati minn kull ħtija jew piena;

"Illi l-esponenti kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati akkużati tar-reati lilhom addebitat fis-6 ta' Frar, 1992 ben ħdax-il sena ilu;

"Illi wara ħafna snin ma jsir xejn fl-istess kawża kriminali l-istess rikorrenti kienu rrikorrew quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ilmentaw li d-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq fi żmien raġjonevoli kien qiegħed jiġi vjolat u ordnat li l-proċeduri jimxu b'iktar ħeffa; dina s-sentenza kienet ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-29 ta' Marzu, 1999;

"Illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija sostanzjalment bbażata fuq żewġ presunzjonijiet li biddlu l-oneru tal-prova b'tali mod li huma ġew presunti ħatja sa kemm ma jippruvawx il-kuntrarju; Infatti dik l-Onorabbli Qorti qalet: "din il-Qorti tħoss li s-soċjetajiet tal-appellati ma skarikawx l-oneru tal-prova tal-ħlas tad-dazju w levy in kwistjoni, li titfa' fuqhom il-Liġi fl-artikolu 77, al menu sal-grad tal-probabilita.  Dan għaliex ma nġabet ebda prova, speċifika, konkreta w tanġibbli tal-ħlas ta' xi partita individwali minn dawk kollha li dwarhom qed jiġu mixlija.

"“Illi ladarba rriżulta li mhux biss l-improbriji użati fuq l-entry forms kienu ġejjin minn timbri foloz u l-aerarju pubbliku ma rċeviex id-dazju w levy dovut u li l-prova tal-ħlas li tmiss lill-importatur baqgħet ma saritx, isegwi li allura, żgur taħt il-Liġi tad-Dwana hemm il-kolpevolezza tal-importatur, speċjalment fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata meta jirriżulta li l-oġġetti li ma jkunx tħallas dazju fuqhom ikunu ġew taħt il-kontroll ta' persuna li tkun l-importatur innifsu".

"“Illi kif intqal fuq, l-Interpretation Act fuq ċitat joħloq mill-ġdid preżunzjoni oħra ta’ ħtija fil-konfront ta’ diretturi w uffiċjali oħra ta’ soċjeta’ kummerċjali li tkun ħatja ta’ reat, kemm il-darba ma jippruvawx, li r-reat jkun sar mingħajr it-tagħrif tagħhom u li jkunu eserċitaw id-diliġenza kollha xierqa biex jevitaw l-għemiel tar-reat in kwistjoni”.

"Illi kien fuq bażi ta’ dan ir-raġunament li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabet lir-rikorrenti ħatja tar-reati addebitati kontra tagħhom. L-esponenti jissottomettu bir-rispett li ż-żewġ presunzjonijiet abbinati flimkien xeħtu tant oneru fuqhom li ġie li kien jispetta lilhom li jippruvaw li huma kienu innoċenti u ma kienx iżjed id-dmir u dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-ħtija mingħajr ebda raġonevoli dubbju. L-esponenti għalhekk jissottomettu li bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali lill-Liġi, jekk mhux bil-Liġi innifisha, ġie les id-dritt tagħhom għall-smiegħ xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, u in partikolari id-dritt tagħhom li jiġu presunit innoċenti sa kemm il-prosekuzzjoni ma tippruvax il-ħtija tagħha.

"Illi infatti r-raġunament tal-Qorti jibbaża ruħu li kien jispetta lill-imputati li jippruvaw li d-dazju kien tħallas u li huma ma kienux jafu li d-dazju ma kienx qiegħed jiġi mħallas. Is-sottomissjoni tal-esponent hija li l-applikazzjoni ta’ tali presunzjoni, fl-assenza ta’ fatti u provi konkreti li kienu jorbtu lir-rikorrenti mal-fatti kriminużi lilhom addebitati kien jilledi d-dritt tagħhom li jiġu presunti innoċenti u jxaqleb l-oneru tal-prova b’tali mod li huma jinstabu ħatja anke fuq is-suspett. Bil-mod kif ġiet interpretata u applikata il-Liġi fil-konfront tagħhom huma kienu jinsabu ħatja anke jekk kienu kompletament estraneji għall-każ, kif huma jasserixxu li kienu, sempliċiment billi kellhom t-tmexxija ġenerali tas-soċjetajiet inkriminati. Fil-fatt lanqas ma jirriżulta mis-sentenza li kien hemm xi fatt kriminuż li ġie marbut mal-persuna tagħhom jew li ġie pruvat li huma kienu jafu bih imma ġie kollox mibni fuq il-presunzjoni li kien jispetta lir-rikorrenti li juru li huma ma kienux ħatja.

"Illi fil-fatt jekk wieħed jieħu per eżempju l-argument tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-użu tat-timbri foloz, l-ħtija tar-rikorrenti dwar il-falz ma hijiex mibnija fuq xi prova li tikkonettihom ma dak il-falz imma fuq il-presunzjoni tan-nuqqas ta' ħlas tad-dwana, u allura, l-argument tal-Qorti huwa, li bilfors kienu jafu u kkonkorrew fil-falz la darba huma kienu ħatja li naqsu li jħallsu d-dazju; imma din ta' l-aħħar hija presunta u mhux ppruvata u b'hekk jiġi li l-ħtija kollha tagħhom hija mibnija fuq iż-żewġ presunzjonijiet ġia fuq imsemmija. Ir-raġunament f'dan il-każ bir-rispett kollu, messhu kienu xorta oħra. Il-posizzjoni tar-rikorrenti ġiet konsiderevolment aggravata bil-fatt li huma ma setgħux jipprovaw li d-dazju tħallas għaliex t-timbri fuq id-dokumenti kienu foloz u għalhekk kellhom jirrikorru għall-mezz ta' prova oħra billi jtellgħu xhieda u d-dokumenti tal-kumpannija. Huwa sintomatiku li d-dokumenti tal-kumpanniji juru li d-dazju kien ġie mħallas u għalhekk għall-dak li jirrigwarda x-xjenza tar-rikorrenti għandu jingħad li r-rikorrenti urew li almenu huma ma kienux konxji li kien qiegħed jiġi kommess reat. Pero' bil-mod kif ġew applikati l-presunzjpnijiet in kwistjoni l-fatt tax-xjenza ġiet kompletament u totalment dispensata b'mod li huma instabu ħatja mingħajr ma lanqas ġie ppruvat li huma kienu għal-konoxxenza tal-fatti kriminużi li ġew lilhom addebitati.

"Illi hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti li fil-fatti speċifiċi u speċjali tal-każ in kwistjoni l-presunzjonijiet kreati mill-Liġi tefgħu oneru inġust u inaċċettabili fuqhom. Fil-fatt l-unika mezz ta' prova li l-importatur għandu normalment dwar ħlas ta' dazju huwa d-dokument innifsu. Issa meta d-dokument emess mill-Awtorita' pubblika jirriżulta falz jew falsifikat l-importatur ma għandu l-ebda ħajt ta' kenn ieħor u l-ħtija tiegħu b'hekk tiġi presunta bi vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għall-smiegħ xieraq. L-esponenti jissottomettu li fil-każ in kwistjoni l-oneru mixħut fuqhom ammonta għall-presunzjoni ta' ħtija. Fil-fatt huwa evidenti li kien hemm diversi dokumenti ma liema r-rikorrenti ma kellhom x'jaqsmu xejn. Per eżempju kien hemm każijiet fejn id-dokumenti ġew firmati, proċessati, imħallas u l-oġġetti sdoganati mingħajr lanqas biss l-intervent tar-rikorrenti. Anke' f'dan il-każ ir-rikorrenti instabu ħatja, għalkemm

jirriżulta ċar f'dawk il-każijiet li d-dokumenti kienu ġew mimlija, ffirmati u proċessati minn ħaddieħor. Dan qiegħed jingħad biex wieħed juri sal-punt għall-liema estendiet il-presunzjoni li ġiet applikata fil-konfront tagħhom mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

"Illi għalhekk huwa evidenti li s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali spostat, bl-akbar rispett għal dik l-Onorabbli Qorti, l-oneru tal-prova b'tali mod li ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrenti li jiġu presunti innoċenti sa kemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju. Eżempju ieħor dak kif l-oneru tal-prova ġie kompletament mixħut fuq l-akkużati jinsab a fol 45 tad-deċiżjoni, fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li: "F'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti tħoss li l-Ewwel Qorti kien imissha waslet għall-konklużjoni loġika w legali li l-prosekuzzjoni għall-inqas kienet ipprovat li d-dazju u/jew levy fuq il-konsenji kollha indikati ma kienx tħallas, għall-inqas 'prima facie'. U allura hawnhekk kellu jiskatta d-dispositiv tal-artikolu 77 tal-Liġi tad-Dwana, kif interpretat fil-ġurisprudenza nostrana fuq ċitata. L-oneru tal-prova tal-ħlas tad-dazju suppost li ġie spostat għal fuq l-appellati u l-ewwel Qorti kellha una volta tasal għal din il-konklużjoni li 'prima facie' saret prova biżżejjed li d-dazju ma tħallasx, li tagħmel indaġini biex tara jekk dan l-oneru ġiex skarikat u mhux twarrab l-implikazzjonijiet ta' dan l-artikolu 77 f'paragrafu wieħed pjuttost neboluż kif sar fl-aħħar tas-sentenza appellate". Issa huwa sintomatiku f'dan ir-rigward li l-prova 'prima facie' tan-nuqqas ta' ħlas tad-dazju kienet preċiżament tikkonsisti fil-falsita tat-timbru in kwistjoni, meta kien jispetta lill-Prosekuzzjoni tipprova l-elementi tar-reat kommess. Direttur fis-soċjeta' li jkollha numru ta' dipendenti b'hekk jitpoġġa fl-impossibilita' li jiskulpa ruħu billi l-oneru tal-prova b'dan il-mod jiġi spostat kompletament fuqhu b'mod li r-rikorrenti ġew tenuti li kellhom huma jipprovaw l-innoċenza tagħhom. Il-prova 'prime facie' tan-nuqqas ta' ħlas tad-dazju hija fiha nnifisha l-effetti ta' presunzjoni magħmula mill-Qorti u b'hekk ġew akkumulati presunzjonijiet fuq presunzjonijiet. Inoltre l-ewwel Qorti kkumentat dwar il-ġeneriċita tal-provi miġjuba mir-rikorrenti – imma fil-każ in eżami l-unika prova konkreta li seta' kellu l-importatur tal-ħlas huwa d-dokument innifsu u xejn ieħor: il-provi li ġabu

tal-pagament – bħala x-xhieda ta' minn kien imur regolarment jeffetwa l-pagament, l-entrata fil-kotba tas-soċjeta' li juru li l-pagament kien sar u ċirkostanzi oħra ġew taċċiati bħala ġeneriċi. Illuminanti f'dan ir-rigward hija r-riferenza għall-inizjali li saru bħala irrilevanti u li l-piż tal-prova li wieħed jiddentifika minn għamel dawk l-inizjali ġie mixħut fuq id-difiża (paġna 46 tas-sentenza). Imma d-difiża ma setgħetx tkun f'posizzjoni li tikkontrolla min għamel dawk l-inizjali għaliex dawk saru meta d-dokument kien fil-pusess tad-dipartiment tad-dwana. Dak li mingħajr ebda ombra ta' dubbju rrnexxilha tipprova d-difiża huwa li d-dokument in kwistjoni daħal fil-pusess tad-dipartiment tad-dwana qabel ma ġie affiss fuqhu l-improbriji foloz u li ġie konsenjat lura lill-impjegati tas-soċjeta' mill-istess dipartiment jew minn xi persuna fid-dipartiment bl-improbriji foloz fuqhu. F'dawn iċ-ċirkostanzi kien ċertament l-oneru tal-prosekuzzjoni li almenu tipprova x-xjenza fir-rikorrenti ta' dak li kien qiegħed jiġri. Imma l-prova ta' din ix-xjenza ġiet sostitwita mill-ewwel Onorabbli Qorti bl-applikazzjoni ta' presunjonijiet legali li spustaw l-oneru tal-prova tal-innoċenza tagħhom kompletament fuqhom. Huwa sintomatiku li l-Qorti injorat fid-deċiżjoni tagħha l-istruttura azjendali tas-soċjeta' u tad-diversi impjegati tagħha biex takkolla r-responsabilita' totali fuq wieħed mid-diretturi ta' kull soċjeta'. Huwa għalhekk, bir-rispett kollu, wisq evidenti li l-esponenti instabu ħatja sempliċement għaliex ġew presunti tali, u kienet korretta l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati li fl-assenza ta' provi konkreti miġjuba mill-prosekuzzjoni tilliberhom u mhux issibhom ħatja.

"Illi għalhekk b'konsegwenza ta' dan ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-ewwel skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319), u l-istess drittijiet fondamentali tagħhom ġew vjolati sija fid-dawl taż-żmien esaġerat li ħa l-proċess kollu biex jiġi konkluż, żmien li bl-ebda mod ma kien wieħed raġjonevoli, sija bil-fatt tal-presunzzjonijiet fuq imsemmija li lleda d-dritt tagħhom li jiġu presunti innoċenti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju.

"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli l-Qorti jogħġobha tiddikjara li ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 u 7 tal-ewwel skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319), u b'hekk u konsegwentement jogħġobha tannulla u tħassar il-preċitata sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003, fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et" billi meħuda in vjolazzjoni tal-istess drittijiet fondamentali tagħhom u tgħatihom kull rimedju ieħor li jidrilha xieraq u opportun.

"Talbu għalhekk li din il-Qorti tiddikjara li ġew vjolati d-drittijiet fondamentali tagħhom kif protetti bl-artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319) u b'hekk konsegwentement jogħġobha tannulla u tħassar il-preċitata sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003, fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Andrew Ellul Sullivan et*" billi meħuda in vjolazzjoni tal-istess drittijiet fondamentali tagħhom, u tagħtihom kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq u opportun;

"Rat id-Degriet tagħha tat-8 t'April, 2003, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għall-15 t'April, 2003, u tat żmien lill-intimati biex iressqu Tweġiba;

"Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-15 t'April, 2003, li biha huma esponew;

"Illi huma jopponu t-talbiet avvanzati fir-rikors in risposta għas-segwenti motivi:

"1. Illi m'huwiex korrett dak li ġie sottomess fis-sens illi l-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana jippreżumi l-ħtija:

"a) Kull ma jagħmel l-imsemmi artikolu huwa illi jpoġġi l-oneru tal-prova tal-ħlas tad-dazju fuq l-imputat wara li l-

prosekuzzjoni tkun stabbiliet l-eżistenza ta’ fatti u ċirkostanzi illi jkunu jitolbu spjegazzjoni.

"b) Fil-każ kriminali in diskussjoni l-prosekuzzjoni ppruvat illi kienet saret importazzjoni ta’ diversi oġġetti minn soċjetajiet li tagħhom l-imputati huma diretturi fuq medda ta’ sentejn abbażi ta’ timbri illi l-prosekuzzjoni ippruvat ukoll illi kienu foloz. Il-prosekuzzjoni ippruvat ukoll illi d-dazju fuq dawk l-oġġetti ma tħallasx lid-Dwana. F’dawn iċ-ċirkostanzi huwa ċar illi jekk r-rikorrenti kienu qed jallegaw illi d-dazju kien, kontra dak li kienu juru l-provi l-oħra kollha, tħallas, kien jispetta lilhom illi jippruvaw dak il-ħlas għall-inqas sal grad tal-probbabilita’.

"c) Huwa ukoll prinċipju tad-dritt proċesswali penali illi meta fatt allegat ikun fil-konoxxenza biss tal-imputat huwa l-imputat li jrid jippruvah.

"d) L-Artikolu 77 bl-ebda mod ma joħloq xi preżunzjoni illi ma tistax tiġi ribattuta jew illi tivvjeta lill-Qorti milli tikkunsidra l-fatti partikolari ta’ kull każ biex tasal għall-konklużjoni dwar jekk l-imputat irnexxielux jiskarika l-oneru tal-prova sal-grad ta’ probbabilita’ rikjest minnu.

"e) Illi l-Kap 319 jagħmilha ċara fit-Tieni Skeda tiegħu, illi tinkludi d-Dikjarazzjonijiet u r-Riżervi tal-Gvern Malti meta rratifika l-Konvenzjonin Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem illi:

**"“The Government of Malta declares that it interprets paragraph 2 of Article 6 of the Convention in the sense that it does not preclude any particular law from imposing upon any person charged under such law the burden of proving particular facts.”**

"Illi skond l-Artikolu 3 tal-Kap 319 d-drittijiet fondamentali inkorporati fil-Konvenzjoni japplikaw bħala parti mill-Liġi ta’ Malta bħala suġġetti għall-imsemmija dikjarazzjonijiet u riżervi.

"L-istess tip ta’ kwalifika tinsab fl-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni illi jipprovdi illi:

**"“(5) Every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty:**

**"Provided that nothing contained in or done under the authority of any law shall be held to be inconsistent with or in contravention of this sub-article to the extent that the law in question imposes upon any person charged as aforesaid the burden of proving particular facts.”**

"f) Illi kull preżunzjoni illi jista’ jiġi ritenut illi joħloq l-Artikolu 77 tal-Kap 37 hija waħda fil-limiti tar-raġjonevolezza illi tieħu kont tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-preżunzjonijiet partikolarment kif dawk il-prinċipji ġew delinejati fis-sentenza “Salabiaku” tal-Qorti Ewropeja tas-7 ta’ Ottubru 1988 (Series A no 141A, pp. 15-18, paras 28-30).

"2. Illi in kwantu għal dak allegat rigward l-Artikolu 13 ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni[1]:

"(a) l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza in re Grech Sant tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Novembru 1989 fejn l-allegazzjoni kienet identika u dwar l-istess Liġi u, ukoll dwar każ tad-Dwana u l-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet illi l-imsemmi Artikolu 13 ma kienx inkompatibbli mal-Kostituzzjoni;

---

[1] “Offences by association of person.

**13.** Where any offence under or against any provision contained in any Act, whether passed before or after this Act, is committed by a body or other association of persons, be it corporate or unincorporated, every person who, at the time of the commission of the offence, was a director, manager, secretary, or other similar officer of such body or association, or was purporting to act in any such capacity, shall be guilty of that offence unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence:

Provided that, except in respect of offences under or against a provision contained in an Act in which a provision similar to that of this article occurs, the provisions of this article shall apply only to offences committed after the commencement of this Act.”

"(b) l-esponent jagħmel ukoll referenza għad-“Decision as to Admissibility” tal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet “A.G. vs Malta” (Application No. 16641/90 tal-10 ta’ Diċembru 1991) li kienet tittratta propju dwar l-Artikolu 13 ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni u fejn il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet illi l-ilment kien inammissibbli (“manifestly ill-founded” unanimament) wara li osservat illi:

**"“The Commission notes that in the present case the legislation provides that a director of a company is presumed guilty of an offence committed by the company unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence. The applicant was therefore provided under the legislation with the possibility of exculpating himself. The Commission does not consider that the conditions, which required the applicant to prove that he had no actual knowledge of the offence and also was not negligent in his duties as an officer of a company, were self-condictory or imposed an irrebuttable presumption. The Commission further finds that the Maltese courts enjoyed a genuine freedom of assessment in this area and that there is no indication that Article 13 of the 1975 Act was applied to the applicant in a manner incompatible with the presumption of innocence.”**

"(c) Illi kull preżunzjoni illi jista’ jiġi ritenut illi joħloq l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni hija waħda fil-limiti tar-raġjonevolezza illi tieħu kont tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja dwar il-preżunzjonijiet partikolarment kif dawk il-prinċipji ġew delinejati fis-sentenza “Salabiaku” tal-Qorti Ewropeja tas-7 ta’ Ottubru 1988 (Series A no 141A, pp. 15-18, paras 28-30 op.cit).

"3. Illi in kwantu jipprova jerġa’ jiftaħ kwistjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-provi li għamlet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (vide per eżempju paġni 5 u 6 tar-rikors) r-rikors promotur imur oltre l-ġurisdrizzjoni ta’ dina l-Onorabbli

Qorti stante illi m'hijiex il-funzjoni tal-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) illi tagħmilha ta' Qorti ta' l-appell u dan wisq inqas mis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

"4. Illi in kwantu għall-allegat dewmien fil-proċeduri l-esponent jirrileva illi għal din l-allegazzjoni jostaw l-prinċipji ta' 'ne bis in idem' u ta' 'lis alibi pendens' stante illi r-rikorrenti kienu diġa ippreżentaw il-proċeduri Rik. Kost. 651/98 fl-ismijiet "Andrew Ellul Sullivan, Jospeh Ellul Sullivan, Carmel sive Charles Ellul Sullivan, u Philip Azzopardi vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika u l-Kummissarju tal-Pulizija" liema proċeduri kienu ġew deċiżi mill-Prim Awla fid-29 ta' Marzu 1999 u kienu, wara li sar appell intbagħtu 'sine die' mill-Qorti Kostituzzjonali wara li l-esponenti kienu talbu r-rikuża ta' wieħed mill-Imħallfin ta' dik il-Qorti peress illi rriżulta illi ismu kien jiffigura bħala azzjonist ta' waħda mis-soċjetajiet tar-rikorrenti involuti fl-importazzjonijiet in kwistjoni. Illi r-rikorrenti qatt ma talbu illi dawk il-proċeduri jerġgħu jitqegħdu fuq il-lista tal-kawżi appuntati għas-smiegħ nonostante t-trapass taż-żmien.

"5. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u r-rimedji mitluba huma inidoneji u jeżorbitaw mill-ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u di piu ma jieħdu ebda kont tal-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi tal-ħati u l-interessi tas-soċjeta' fil-presekuzzjoni ta' offiżi kriminali u fl-enforzar tas-sentenzi tal-Qrati u minflok jittentaw li jistultifikaw u jġibu fix-xejn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li hija l-Qorti fl-aħjar pożizzjoni biex tikkunsidra jekk sarx ksur tal-Liġi penali jew le. Illi fuq kollox il-kwistjonijiet imqanqla f'dawn il-proċeduri kienu tqanqlu ukoll fil-proċeduri kriminali u ġew kunsidrati u rigettati.

"Salvi eċċezzjonijiet oħra.

"Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' April, 2003[2], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'Rikors tas-7 ta' April, 2003, ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li minnha tnisslu l-ilmenti li wasslu għall-azzjoni preżenti;

[2] Paġġ. 28 sa 31 tal-proċess

"Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' April, 2003, li fih il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi iżjed x'iressqu;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fid-19 ta' Mejju, 2003[3];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-18 ta' Ġunju, 2003[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

"Semgħet it-trattazzjoni estensiva bil-fomm tal-avukati tal-partjiet[5];

"Rat l-atti kollha tar-rikors, magħduda magħhom is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2003, li tat lok għall-preżenti proċedura;

"Rat id-Degrieti tagħha tal-4 ta' Lulju, 2003, tal-25 ta' Settembru, 2003, tas-6 ta' Novembru, 2003, tas-16 ta' Diċembru, 2003, tat-23 ta' Jannar, 2004, tas-26 ta' Frar, 2004, u tas-7 ta' Mejju, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***"Ikkunsidrat:***

"Illi bl-azzjoni tagħhom, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu, 2003, żewġ presunzjonijiet biddlu l-piż tal-prova. Huma qegħdin jgħidu li bl-imsemmija sentenza, ġew meqjusa ħatja sakemm ma jippruvawx il-kuntrarju. Huma jżidu jgħidu li l-imsemmija sentenza tefgħet piż inġust u inaċċettabbli fuqhom billi riditħom jippruvaw l-innoċenza tagħhom. L-imsemmija sentenza kienet qalbet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha r-rikorrenti kienu nħelsu mill-akkużi mressqa kontra tagħhom;

"Illi r-rikorrenti jgħidu li, bl-imsemmija sentenza, ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, u b'mod

[3] Paġġ. 37 sa 54 tal-proċess
[4] Paġġ. 60-7 tal-proċess
[5] Traskritta f'paġġ. 78 sa 125 tal-proċess

partikolari għall-jedd tagħhom li jitqiesu innoċenti sakemm ma jkunux instabu ħatja. Huma jinvokaw l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni, u jitolbu li, minħabba dak il-ksur, il-Qorti tordna t-tħassir tas-sentenza mogħtija kontrihom, u l-għoti ta' rimedji oħrajn xierqa;

"Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi qalu li l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat kif imiss id-dispożizzjonijiet tal-liġi, billi hija l-istess liġi li tibdel il-piż tal-prova, imma mhux il-preżunzjoni tal-innoċenza. Fuq kollox, lanqas ma huwa mistħoqq l-ilment tar-rikorrenti meta jgħidu li offiża mwettqa minn kumpannija jwieġbu għaliha d-diretturi tagħha ma hija kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. Filwaqt li jwarrbu t-tentattiv li jgħidu li r-rikorrenti jridu jagħmlu biex jerġa' jinfetaħ mill-ġdid il-każ, billi l-funzjoni ta' din il-Qorti m'huwiex dak ta' "appell tat-tielet grad";

"Illi jidher xieraq li l-Qorti tagħmel xi kostatazzjonijiet dwar x'inhu r-rwol u x'inhuma l-limiti li jitqegħdu fuqha mil-liġi biex tistħarreġ ilment ta' natura kostituzzjonali dwar smigħ xieraq li jkun jolqot l-operat ta' Qorti jew tribunal. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ biex jintgħarblu l-kwestjonijiet li jkunu tressqu quddiem din il-Qorti u jinżammu biss dawk li huma essenzjalment fis-setgħa tagħha li tqis u tiddeċiedi dwarhom, filwaqt li jitwarrbu l-oħrajn kollha;

"Illi l-intimati jisħqu li din il-Qorti ma tibdilx lilha nnifisha f'qorti tat-"tielet appell" u jemmnu li dak li r-rikorrenti jrid jagħmlu bil-kawża tagħhom huwa sewwasew dan. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jiċħdu dan il-mottiv attribwit lilhom, filwaqt li jaqblu li din il-Qorti ma tibdilx lilha nnifisha f'qorti li terġa' tiftaħ il-mertu deċiż minn qorti oħra kompetenti. Il-qofol tad-differenza bejn iż-żewġ naħat jidher li hija dwar il-fehma tagħhom dwar il-limiti safejn din il-Qorti tista' tasal;

"Illi l-kwestjoni dwar <u>il-limiti tas-sindakabilita' tal-qrati ta' indoli kostituzzjonali fuq l-imġiba ta' qrati oħrajn</u> f'ilmenti dwar nuqqas ta' smigħ xieraq m'hijiex waħda ġdida u jeżistu prinċipji stabiliti msawrin ukoll mill-prattika u deċizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ewlenija fosthom hemm ir-regola li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex miżmuma milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, li xi Qorti oħra tkun mixlija li kisret xi wieħed mill-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, imqar jekk dik il-Qorti l-oħra tkun il-Qorti Kostituzzjonali stess[6];

"Illi din is-setgħa wiesgħa hija, madankollu, limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom[7]. Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u "skond il-liġi"[8];

"Illi f'dan l-istadju l-Qorti jidhrilha li għandha tiċċita fehma ċara murija mill-Qorti Kostituzzjonali f'okkażjoni li tixxiebah ma' din li għandha l-Qorti quddiemha llum, u li tagħti ħjiel tal-parametri safejn din il-Qorti tista' tibqa' sejra biex tistħarreġ allegat ksur ta' dritt fondamentali mwettaq minn Qorti oħra. Ingħad hekk:

""*Allaħares kellu jiġi ammess il-prinċipju illi r-rimedju għal meta, per eżempju Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tifhem ħażin il-liġi u tapplika u tinterpreta dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi penali oħra b'riżultat ta' liema dak li jkun jnistab ħati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta' rimedju minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq. Dan ikun jammonta għal interpretazzjoni kompletament novella pero' li qatt ma ġiet aċċettata anqas fi Strasbourg ta' x'verament ifisser id-dritt ta' smigħ xieraq. ..... Ċertament, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex preklużi milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, illi xi Qorti oħra tkun illediet xi wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-individwu - deċiżjonijiet li bħalhom ittieħdu diversi drabi kemm f'dak li jirrigwarda per eżempju liberta' provviżorja kif ukoll f'dak li jirrigwarda smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, fost każijiet oħra. Pero',*

[6] Kost. **6.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.74**)

[7] P.A. Kost. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali et***

[8] P.A. Kost. VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

*altru d-dover tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim'Awla bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali oriġinali li jinvestu ċerti ilmenti kostituzzjonali dwar allegati vjolazzjoni(jiet) minn Qrati oħra, u altru dak li qed jippretendi l-appellant u li ċjoe' jidħol fid-dettal f'dik li hija applikazzjoni ta' liġi li ma hemmx kwestjoni dwar jekk teżistix jew u sa l-estremita' jekk dik il-liġi partikolari kinitx applikabbli għall-każ kriminali pendenti quddiem dik il-Qorti*"[9];

"Illi dawn ir-riflessjonijiet huma ta' siwi mhux traskurabbli fil-każ li għandha quddiemha llum, għaliex safejn ir-rikorrenti qegħdin jippretendu li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni tal-provi li tressqu fil-każ tagħhom u tqabbel dawn il-provi mal-liġi applikata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza attakkata, din il-Qorti sejra tiddikjara minnufih li ma ssibx li għandha terġa' tiftaħ il-każ u tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha minflok dak tal-imsemmija Qorti;

"Illi hemm ukoll il-fatt li r-rikorrenti m'humiex qegħdin jattakkaw il-kostituzzjonalita' jew is-siwi tal-artikolu 77 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas l-artikolu 13 tal-Kap 249[10];

"Illi r-rikorrenti jsejsu l-ilmenti tagħhom taħt din ir-ras fuq l-allegazzjoni ta' parzjalita' murija mill-ġudikant fis-sentenza li huma qegħdin jattakkaw. Speċifikatament, huma qegħdin jgħidu li **fis-sentenza** minnhom impunjata, l-imħallef li kien qiegħed jippresiedi s-smigħ tal-kawża tagħhom ħoloq żewġ preżunzjonijiet kontra tagħhom li jkissru l-prinċipju li, fil-każ ta' akkuża kriminali, l-mixli huwa meqjus innoċenti sakemm jinstab ħati;

"Illi għar-rigward tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuna mixlija jingħad li tali prinċipju huwa wieħed imħares kemm mill-Kostituzzjoni tagħna u kif ukoll mill-Konvenzjoni. Mhux hekk biss, iżda ma' dawn hemm ukoll in-norma li ħadd ma għandu jinsab ħati ta' reat kriminali

[9] Kost **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Micallef vs Avukat Ġenerali et***
[10] Dwar il-Kostituzzjonalita' ta' dan l-aħħar artikolu ara Kost. **29.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Grech Sant*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.227**)

minħabba f'xi għamil jew minħabba f'xi omissjoni li, fil-ħin li jkunu mwettqa, ma jkunux jikkostitwixxu reat skond il-liġi[11]. Għandu jingħad li, sa mill-ewwel żminijiet tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna xebbhet id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni relattivi għall-preżunzjoni tal-innoċenza mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u applikat l-istess prinċipji minkejja li l-istess Konvenzjoni ma kinitx għadha tagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tagħna[12];

"Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikoli 6 u 7 (tal-Konvenzjoni) huma l-anqas garanziji li persuna mixlija b'reat kriminali għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b'awtorita' mill-Qorti ta' Strasburgu li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita' li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[13]. Fost dawn, wieħed isib il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza li huwa mfisser bħala "*one aspect of the right to a fair trial secured under paragraph (1) of Article 6*"[14];

"Illi l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni speċifikatament japplika biss fil-qafas proċedura fejn hemm "akkuża kriminali". Għalhekk, il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ma japplikax fejn persuna tinsab miżmuma b'arrest fi stadju qabel ma toħroġ formalment xilja ta' reat fil-konfront tagħha. Iżda, ladarba jibda jseħħ proċediment bħal dak, il-preżunzjoni tidħol fis-seħħ u tibqa' fis-seħħ sal-istadju tal-appell kontra sejbien ta' ħtija. Madankollu, dwar l-imsemmi jedd ta' preżunzjoni tal-innoċenza, jingħad ukoll li "*it does not apply to either trial or appellate proceedings insofar as they concern the sentencing of a convicted person; it 'deals only with the proof of guilt and not with the kind or level of punishment'. ... The Commission has on occasion considered the presumption of innocence requirement in terms of lack of judicial bias or partiality. Insofar as judicial bias is an aspect of Article 6(2), it*

---

[11] Art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 7(1) tal-Konvenzjoni

[12] Ara Kost. **16.4.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Formosa vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[13] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3

[14] ECHR **25.8.1987** fil-kawża ***Lutz vs Germany*** (Applik. Nru. 9912/82) par. 52

*overlaps with the 'impartial tribunal' requirement of Article 6(1) and might be better treated under that provision*"[15]. Minħabba f'din ir-rabta, il-Qorti sejra tqis l-aggravju tar-rikorrenti kemm taħt ir-ras tal-preżunzjoni tal-innoċenza u l-parametri tagħha, u kif ukoll taħt ir-ras tal-jedd għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali;

"Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin mogħtija mill-Qorti Ewropeja, il-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa' ġeneralment fuq il-prosekuzzjoni[16]. Madankollu, dan ma jfissirx li **f'kull każ** il-piż tal-prova irid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u kif ukoll l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tagħna jagħrfu dan, f'tal-aħħar b'mod espress permezz ta' *proviso*. L-artikoli msemmija ma humiex kontra li xi liġi tistipula għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija. Iżda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali preżunzjonijiet b'mod raġonevoli li jieħu qies tas-siwi ta' dak li l-każ jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiża xierqa[17]. Fost tali preżunzjonijiet li tqiesu li ma jmorrux kontra l-imsemmija artikoli ġiet identifikata dik fejn direttur ta' kumpannija jitqies ħati ta' offiża mwettqa mill-kumpannija li tagħha huwa direttur[18];

"Illi għalhekk, sakemm is-sejbien ta' ħtija jkun jidher li nstilet mill-eżistenza ta' xhieda probativa fl-atti proċesswali, l-imsemmija preżunzjoni tal-innoċenza ma titqiesx mittiefsa, ukoll jekk tali xhieda tkun indiretta;

"Illi, minbarra dan, ġie stabilit ukoll li "*once an accused has properly been proved guilty of a particular criminal offence, Article 6(2) can have no application in relation to allegations made about an accused's personality as part of the sentencing process, unless they are of such a nature and degree as to amount to the bringing of a new charge within the autonomous meaning of the Convention*"[19];

---

[15] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* paġġ 243, 245

[16] ECHR **6.12.1988** fil-kawża ***Barbera', Messegue' & Jabardo vs Spain*** (Applik. Nru. 10590/83) par. 77

[17] Ara ECHR **7.10.1988** fil-kawża ***Salabiaku vs France*** (Applik. Nru. 10519/83) par. 27-8

[18] ECommHR **10.12.1991** fil-kawża ***AG vs Malta*** (Applik. Nru. 16641/90)

[19] ECHR **3.10.2002** fil-kawża ***Bohmer vs Germany*** (Applik.Nru. 37568/97), par. 55

"Illi, mis-sottomissjonijiet magħmulin mill-abbli difensuri tar-rikorrenti, l-ilment tagħhom jikkonsisti fil-fatt li "**d-deċiżjoni mogħtija turi attitudni preġudikata kontra tagħhom**", u jżidu jgħidu li "**fis-sentenza in eżami** dik l-Onorabbli Qorti bdiet mill-assunzjoni li r-rikorrenti kellhom jinsabu ħatja". B'hekk, huma jqisu li "x-xhieda u l-provi kollha ġew interpretati kontra r-rikorrenti mingħajr ma ttieħdu kont ta' konklużjonijiet oħra li għalihom tali xhieda u provi **setgħu ukoll** iwasslu" b'mod li l-Qorti tal-Appell Kriminali sa waslet biex "(i)kkundannat għab-bażi ta' preżunzjoni fuq preżunzjoni mibnija fuq premessi u interpretazzjoni tal-provi u xhieda b'linja waħda u ċjoe' favur il-ħtija tal-akkużati"[20]. Iktar 'il quddiem wieħed mill-abbli difensuri tar-rikorrenti sejħilhom "preżunzjonijiet distruġġivi"[21]. Il-Qorti ħasset li kellha tippuntwalizża dawn il-frażijiet u tissottolineja partijiet minnhom, għaliex, kif ingħad qabel, din il-Qorti trid tqis l-ilment biss u esklussivament fil-parametri li s-setgħat kostituzzjonali tagħha jħalluha taġixxi fil-konfront ta' sentenza ta' Qorti ta' kompetenza oħra;

"Illi aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni ulterjuri tagħhom bil-fomm quddiem din il-Qorti tqanqlu żewġ kjarifiki ta' dawn l-ilmenti. L-ewwel kjarifika li r-rikorrenti jressqu biex juru kif il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet kondizzjonata b'attitudni ta' preġudizzju kontrihom isibuha fit-tismija minn dik il-Qorti ta' qraba ta' wħud mill-appellati[22] u kif dik il-Qorti tefgħet f'qoffa waħda lill-appellati kollha bla distinzjoni minn xulxin[23]. It-tieni waħda hija li huma jqisu li l-imħallef li kien qiegħed jippresjiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali "ġie indott fi żball minħabba s-sottomissjonijiet li sarulu mhux da parti tagħna"[24] b'mod li "iġġeneraw fih suspett qawwi u pero' b'dak il-mod ġie ipprevarika, qabeż dik il-linja sottili li taqsam bejn dak li hu possibbli u aċċettabbli fil-kamp penali u dak li mbagħad huwa inaċċettabbli...";

[20] Paġġ. 37-8 u 47 tal-proċess
[21] Paġ. 117 tal-proċess
[22] Paġġ. 89, 100-1 u 116-7 tal-proċess
[23] Paġ. 124 tal-proċess
[24] Paġ. 108 tal-proċess

"Illi minn dawn is-sottomissjonijiet (u l-argumenti mirquma u studjati li jintrabtu magħhom), il-Qorti tislet il-fehma li r-rikorrenti qegħdin effettivament jippruvaw iwassluha biex tistħarreġ il-mertu deċiż u biex tippronunċja ruħha fuq l-istess mertu li kien jaqa' biss fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali. Għall-kuntrarju, u kif sejjer jingħad 'il quddiem, huwa biżżejjed li din il-Qorti tara jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhiex quddiemha l-evidenza probativa li ssemmi fis-sentenza impunjata biex tqis jekk dik il-Qorti aġixxietx fil-parametri tas-setgħat tagħha u tatx deċiżjoni li wieħed raġonevolment kien jista' jasal għaliha fid-dawl ta' dawk il-provi;

"Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-argumenti dwar meta l-liġi titfa' piż ta' prova jew taqleb il-preżunzjoni fuq l-akkużat. L-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, mogħnija kif inhuma b'livell ta' studju u akkademja siewja[25], ma jwarrbux il-fatt li l-ilment preżenti m'huwiex kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi li tibdel il-piż tal-prova, imma kontra kif il-Qorti tal-Appell Kriminali applikathom fis-sentenza impunjata. Hawn jerġa' jingħad li dan jidher li huwa tentattiv ieħor tar-rikorrenti biex din il-Qorti tistħarreġ il-mertu nnifsu tas-sentenza impunjata u mhux tassew fuq l-aspett tal-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza li fuqu jridu jibnu l-biċċa l-kbira tal-każ tagħhom;

"Illi l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali għażlet, skond ir-rikorrenti, li tislet fehma fuq il-provi li kellha quddiemha li biha sabithom ħatja, ma jwassalx b'daqshekk għall-konklużjoni li dik il-Qorti kisret il-jedd tagħhom taħt l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Il-fatt li x-xhieda setgħet tiġi interpretata mod ieħor jikkostitwixxi ċirkostanza li, fil-parametri tas-setgħat li kellha fi ħdanha l-Qorti tal-Appell Kriminali, setgħet twettaq fil-ħarsien sħiħ tal-legalita' u l-ħaqq. Naturalment, kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet il-provi li kellha quddiemha fis-sens li jridu r-rikorrenti (eżerċizzju daqstant ieħor siewi bħal dak li wettqet bil-konklużjonijiet li waslet għalihom fis-sentenza impunjata) kieku dawn il-proċeduri ma nbdew qatt. Imma dan huwa sewwasew dak li din il-Qorti trid iżżomm 'il

[25] Paġġ. 41-6 tal-proċess

bogħod minnu, u jiġifieri, ma tridx tqis jekk is-sentenza fil-mertu marritx kif ir-rikorrenti xtaqu, imma jekk is-sentenza turix li l-ġudikant naqas li jħares il-jeddijiet fondamentali tagħhom;

"Illi irriżulta lil din il-Qorti (kemm minn eżami tal-atti proċesswali li wasslu għas-sentenza impunjata u kif ukoll minn dak li semgħat jiġi trattat quddiemha[26]) li wħud mill-argumenti ewlenin li r-rikorrenti qegħdin jagħmlu f'din il-kawża dwar l-apprezzament tal-provi u l-applikazzjoni tal-grad ta' prova, kienu diġa' għamluhom b'dettal u ħila quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fi kliem ieħor, dik il-Qorti semgħat x'kellhom x'jgħidu r-rikorrenti dwar il-provi akkwiżiti sa dak iż-żmien. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex l-istedina li qegħda ssir issa mir-rikorrenti lil din il-Qorti dwar dawk il-konsiderazzjonijiet ma tistax tkun ħaġa oħra għajr stedina biex din il-Qorti tidħol fi stħarriġ li jmur lil hinn mis-setgħat attwali tagħha f'din il-kawża;

"Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti fuq xi rimarki li saru mill-Qorti fis-sentenza impunjata, il-Qorti sejra tqis din il-kwestjoni meta tistħarreġ l-aspett ta' ksur ta' jedd ta' ġudizzju minn qorti imparzjali;

"Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-argumenti tar-rikorrenti u qrat b'reqqa s-sentenza li minnha huma jilmentaw, toħroġ qawwija l-fehma ta' din il-Qorti li l-istess argumenti tar-rikorrenti fihom it-tweġiba għad-dilemma mressqa minnhom. Meta r-rikorrenti jaslu biex jaċċettaw li l-fatti u ċ-ċirkostanzi riżultanti mill-atti proċesswali kienu tali li bihom il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet waslet għal konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha, ikun fir-rejalta' qiegħed jingħad li dik il-Qorti kellha għażla. L-għażla għamlitha u immotivatha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, allura, jsegwi li ladarba dik il-Qorti kellha għażla u għamlitha, mela ma huwiex il-każ li jingħad li l-morsa tal-qlib tal-piż tal-prova xejjen il-preżunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrenti. Kien ikun mod ieħor – u din il-Qorti kien ikollha s-setgħa tistħarreġ – kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li tkun iffissat il-parametri tal-vertenza, ma kien

[26] Ara, per eżempju, paġ. 121 tal-proċess

ikollha l-ebda triq oħra għajr li ssib lill-akkużati appellati (fosthom ir-rikorrenti preżenti) ħatja. Imma dan ma ġarax, u kemm hu hekk u minkejja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jaqilbu l-piż tal-prova, jirriżulta li fis-sentenza impunjata wħud mill-akkużati ma nstabux ħatja;

"Illi, għalhekk, jidher li dak li r-rikorrenti jsejħu bħala preżunzjonijiet applikati inġustament mill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra tagħhom kienu, fis-sewwa, konklużjonijiet li dik il-Qorti waslet għalihom mill-atti proċesswali li kellha quddiemha. Huma konklużjonijiet li setgħu raġonevolment jittieħdu, u din il-Qorti ma sabet xejn fit-teħid tagħhom li kien mhux raġunat (u dan jingħad lil hinn minn jekk din il-Qorti taqbilx jew le mal-mertu ta' dak ir-raġunament). Hawnhekk, il-Qorti ssib siewi u mistħoqq l-argument tal-intimati li jisħqu li r-rikorrenti naqsu li jagħrfu bejn "preżunzjonijiet" u "deduzzjoniijiet" li waslet għalihom dik il-Qorti;

"Illi meta wieħed iqabbel l-imsemmija argumenti mal-osservazzjonijiet ta' dritt li taħthom jinsabu mfissra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni, il-konklużjoni li tasal għaliha l-Qorti hija li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li, fil-każ partikolari, seħħ ksur tal-jedd tagħhom li jitqiesu innoċenti sakemm instabu ħatja;

"Illi għar-rigward tal-jedd ta' smigħ xieraq minn qorti imparzjali, irid jiġi iċċarat li meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-Qorti tal-Appell, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[27];

"Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jidhrux li qegħdin isejsu l-ilment tagħhom fuq l-imparzjalita' kostitutiva jew l-

[27] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

indipendenza tal-Qorti li ġġudikathom[28], u lanqas dwar jekk dik il-Qorti hijex imwaqqfa kif imiss b'liġi. Dwar dawn l-aspetti, għalhekk, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħmel l-ebda stħarriġ. Ir-rikorrenti qegħdin jgħidu ċar u tond li l-ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq seħħ mill-imġiba tal-ġudikant fil-Qorti li għaddiet fuqhom is-sentenza fil-grad tal-appell. Din l-imġiba allegatament parzjali jirravviżawha, mhux waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-proċeduri tal-appell, daqskemm fil-waqt u bil-mod kif ingħatat is-sentenza;

"Illi jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin[29] tqanqlet il-kwestjoni tal-parzjalita' ta' ġudikant bħala okkażjoni ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, kellu jintwera għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li, fil-każ partikolari, jeħtieġ jirriżultaw flimkien żewġ kwalitajiet ta' parzjalita', jiġifieri dik suġġettiva u dik oġġettiva. B'tal-ewwel, wieħed jifhem id-dispożizzjoni u konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun, u, b'tat-tieni, jekk il-ġudikant li jkun kienx jagħti garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed suspett. Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor[30], min jallega l-parzjalita' ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalita' fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa[31];

"Illi huwa stabilit ukoll li l-fatt waħdu li ġudikant jiġi msejjaħ jiddeċiedi aktar minn darba waħda kawżi li jolqtu lill-istess persuna mnissilin minn "fatti" differenti, ma jġibx miegħu il-konsegwenza li, hekk kif jaqta' l-ewwel waħda minn tali kawżi, isir "preġudikat" dwar dik il-persuna fir-rigward tal-kawżi li jifdal[32]. Dan jingħad sewwsew b'ħarsien tal-preżunzjoni fuq imsemmija tal-imparzjalita' tal-ġudikant li "*se presume jusqu'a la preuve du contraire*"[33]. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv, wieħed irid

---

[28] Ara ECHR **28.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Campbell and Fell vs U.K.*** (Applik. Nru. 7819/77) par. 78

[29] Ara Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali***

[30] ECHR **23.6.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***LeCompte, van Leuven and De Meyere vs Belgium*** (Applik. Nru. 6878/75) par 58

[31] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 235

[32] Ara P.A. Kost. **9.9.2002** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bone et***

[33] ECHR **26.2.1993** fil-kawża ***Padovani vs Italy*** (Applik Nru. 13396/87) par 26

jara jekk tirriżultax xi ċirkostanza li tnissel fil-parti jew f'moħħ il-pubbliku suspett leġittimu dwar l-imparzjalita' tal-Qorti. Ċirkostanza waħda, fil-qafas tal-proċess kollu, tista' tkun biżżejjed biex issejjes l-ilment tan-nuqqas ta' imparzjalita'[34];

"Illi dwar l-ilmenti tar-rikorrenti fuq dan l-aspett tas-sentenza impunjata, il-Qorti ħasbet sewwa, u riedet taċċerta ruħha li kienet qegħda tifhem sewwa x'iridu jimplikaw ir-rikorrenti. Matul it-trattazzjoni li saret mir-rispettivi difensuri tal-istess rikorrenti, ma ssemma bl-ebda mod li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet imparzjali fis-sens tal-mod kif kienet kostitwita. Fi kliem ieħor, ma jidhirx li l-ilmenti partikolari kienu jirrigwardaw l-aspett ta' imparzjalita' oġġettiva, iżda dik suġġettiva;

"Illi dwar dan, il-Qorti diġa' semmiet aktar 'il quddiem li m'huwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalita' jissemma bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li l-eżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, sata' ma kienx imparzjali. Imma dan m'huwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalita' jew ta' smigħ xieraq. Kif ingħad mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'deċiżjoni li kienet tirrigwarda l-aspett ta' smigħ xieraq f'dak li għandu x'jaqsam ma' mġiba tal-ġudikant fil-kors tas-smigħ ta' kawża (*conduct of proceedings*): "*The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified*"[35];

---

[34] P.A. Kost. VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[35] ECHR **19.4.1993** fil-kawża ***Kraska vs Switzerland*** (Applik. Nru. 13942/88) par 32; u ara wkoll ECHR **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Piersack vs Belgium*** (Applik. Nru. 8692/79) par 30; u ECHR **24 .5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Hauschildt vs Denmark*** (AppliK. Nru. 10486/83) par 46-8

"Illi f'sentenza mogħtija f'dawn l-aħħar jiem mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem[36], il-prinċipju tal-imparzjalita' reġa' ġie mfisser f'dawn il-kliem: "*As concerns 'impartiality', there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judges' personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to their impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the publicand above all in the parties to the proceedings. The concepts of independence and objective impartiality are closely linked...*". Ta' min jgħid li dan it-tagħlim itenni dak li ilu żmien jiġi konsistentement imgħallem minn dik il-Qorti[37] u baqa' hekk jiġi mifhum u applikat sa dawn l-aħħar żminijiet[38] ;

"Illi, għal dak li jirrigwarda t-test suġġettiv, ingħad li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju jew illużjoni li l-prova tal-imparzjalita' suġġettiva tal-ġudikant m'hijiex waħda faċli li titwettaq għal min jallegaha[39]. Imma b'danakollu, hija prova li trid issir u ssir fil-grad lil hinn minn sempliċi konġettura jew suspett;

"Illi f'każ partikolari[40] li fih l-aspett suġġettiv tal-allegata imparzjalita' ġie studjat fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ġie stabilit l-kunċett ta' smigħ xieraq maħsub fil-Konvenzjoni jgħodd fih ukoll ċirkostanzi fejn il-proċedura tista' tkun milquta minn ċirkostanzi li tagħmilha "*unsafe*", iżda s-smigħ xieraq imur lil hinn minn dan[41].

---

[36] ECHR **22.6.2004** fil-kawża ***Pabla KY vs Finland*** (Applik. Nru. 47221/99) par. 27-8, fil-qasam ta' proċeduri ċivili

[37] Ara, per eżempju, ECHR **25.2.1997** fil-kawża ***Findley vs U.K.*** (Applik. Nru. 22107/93) par 73; u ECHR **6.5.2003** fil-kawża ***Kleyn et vs Netherlands*** (Applik.Nru. 39343/98) par. 172

[38] Ara, per eżempju, ECHR **21.12.2000** fil-kawża ***Wettstein vs Switzerland*** (Applik. Nru. 33958/96) par. 44-5; u **22.4.2004** fil-kawża ***Cianetti vs Italy*** (Applik. Nru. 55634/00) par. 36-8

[39] Ara ECHR **9.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Sander vs U.K.*** (Applik. Nru. 34129/96)

[40] ECHR **10.7.2002** fil-kawża ***C.G. vs U.K.*** (Applik. Nru. 43373/98) par. 35-42

[41] Ara ECHR **2.5.2000** fil-kawża ***Condron vs U.K.*** (Applik. Nru. 35718/97) par. 56 u 60

Dan kien każ fejn l-applikant kienet allegat li l-imġiba ta' mħallef waqt proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontriha kienet tellfitilha l-jedd ta' smigħ xieraq[42];

"Illi waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tar-rikorrent Andrew Ellul Sullivan niseġ sensiela ta' ċirkostanzi li bihom ried juri li l-imħallef li kien qiegħed jisma' l-appell kien qiegħed lilu nnifsu f'atteġġament li, jingħad x'jingħad mill-akkużati, isib mod kif jargumenta favur il-ħtija tagħhom[43]. F'waqt ieħor isemmi saħansitra elementi ta' inkonsistenza ("misteru") f'xi konklużjonijiet li waslet għalihom dik il-Qorti[44]. Għal din il-Qorti, dawk iċ-ċirkostanzi ma jsostnux l-elementi ta' parzjalita' suġġettiva kif imfissra hawn fuq. L-istess jingħad għall-"inkonsistenzi" ravviżati mir-rikorrenti, li huma stess jibnuhom fuq x'aktarx ħaseb l-imsemmi mħallef jew x'kien il-mottiv li ħajru jasal għal tali konklużjonijiet. Dan m'huwiex għajr argument mibni fuq konġettura, u mhux fuq prova fi grad mistenni;

"Illi, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, wara li fliet sewwa l-atti, l-iżjed is-sentenza li minnha r-rikorrenti jilmentaw, hija tasal għall-fehma li ma hemm xejn fihom li b'xi mod iwassalha biex tqis li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet, suġġettivament jew oġġettivament, parzjali fl-imġiba tagħha b'mod li ġabet fix-xejn il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali. Din il-Qorti jidhrilha li l-ebda wieħed mit-tliet aspetti elenkati mir-rikorrenti ma jixhed li l-ġudikant kien imparzjali jew li f'għajnejn il-bniedem tat-triq seta' hekk jidher li kien. Lanqas jirriżulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat ħjiel ta' parzjalita' jew żbilanċ kontra r-rikorrenti bl-użu ta' frażijiet li bihom jidher li ħassew irwieħhom urtati. Biex kumment minn ġudikant jitqies li juri xaqlib jew imparzjalita' li tikser il-jedd ta' smigħ xieraq, jeħtieġ li jintwera li dak il-kumment ikun imur iżjed 'il barra mil-limiti ta' apprezzament għall-mertu li jkun jinsab quddiem dak il-ġudikant. Eżempju li jista' jingħata ta' kumment jew rimarka parzjali ċensurabbli waqt smigħ huwa dak fejn, irrispettivament mill-mertu li

[42] Dik is-sentenza fiha rassenja ta' deċiżjonijiet tal-ogħla qrati Britanniċi dwar il-kwestjoni, fosthom is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**15.7.1999** in re ***Regina vs Kartal et*** li qieset il-kwestjoni fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ma' dik is-sentenza hemm mehmuża wkoll "dissenting opinion" motivata ħafna.
[43] Ara paġġ. 113-7 u 120-3 tal-proċess
[44] Paġġ. 118 u 125 tal-proċess

jkun qiegħed jiġi mistħarreġ, il-ġudikant jgħaddi rimarka li tolqot lill-parti dwar ir-razza[45], s-sess, it-twemmin jew il-fama tagħha u li ma jkollhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawża;

"Illi fil-każ li minnu qegħdin jilmentaw ir-rikorrent, ir-rimarki "inkriminanti" kienu dawk ta' apprezzament li kull Qorti ta' grad ta' appell hija mistennija li tagħmel (kemm jekk espressament kif ukoll jekk biss fil-kuxjenza tagħha) fejn tkun qegħda tqis ġabra sħiħa ta' riżultanzi u ċirkostanzi li jolqtu lill-akkużati. Jidher li r-rikorrenti jtennu li l-ksur minnhom allegat seħħ fil-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali fasslet is-sentenza li ikkundannathom. L-implikazzjoni hija li l-ksur tal-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq inħoloq f'dak l-istadju – u wara li ma setgħux jagħmlu aktar sottomissjonijiet – billi l-Qorti "telqet mill-premessa li huma ħatja" minflok ħarset il-prinċipju tal-preżjunzjoni tal-innoċenza tagħhom;

"Illi f'dan l-istadju l-Qorti tħoss li huwa xieraq li jingħad li meta ġudikant ifisser il-fehma tiegħu fil-kitba ta' sentenza jew provvediment li jkun qiegħed jagħti, **f'dak il-waqt** huwa mistenni li jkun wasal għal xi għamla ta' konklużjoni. Fil-mument meta qiegħed jagħti s-sentenza **huwa mistenni li juri grad ta' konvinzjoni** li tkun il-frott ta' deliberazzjoni serena, konsiderazzjoni u studju li jippreċedu l-għoti ta' dik is-sentenza jew ta' dak il-provvediment. Il-fatt li, mbagħad, is-sentenza tkun minsuġa fuq dik il-fehma huwa l-espressjoni konsegwenzjali loġika tal-konsistenza li sentenza trid tixhed li tħaddan. Iżda din il-konvinzjoni murija f'sentenza jew fi provvediment m'hijiex xhieda, waħedha, ta' preġudizzju jew ta' parzjalita' fil-ġudikant. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ir-rikorrenti jonqsu li jżommu kif imiss dan l-aspett ewlieni ta' kull kawża ċar f'moħħhom;

"Illi ma' dan jiżdied jingħad ukoll li hemm okkażjonijiet fejn ġudikant mhux biss għandu l-jedd li jimmotiva s-sentenza tiegħu b'rimarki, imma wkoll l-obbligu li jagħmel dan billi "*jesprimi ruħu, jekk hemm bżonn anke f'termini ebsin,*

[45] Ara, per eżempju, ECHR **8.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***McGonnell vs U.K.*** (Applik. Nru. 28488/95) par. 25-6

*dwar il-fatti li jkunu irriżultawlu, speċjalment għal finijiet ta' piena. Sakemm il-kumment ma jkunx f'termini żbilanċjati jew manifestament mhux f'loku, jew sakemm ma jkunx evidenti li l-kumment huwa motivat minn animosita' jew simpatiji personali lejn parti jew l-oħra, jew sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanza oħra f'dan is-sens, ma jistax jingħad li fir-rigward ta' dak il-ġudikant ikun hemm raġuni leġittima biex wieħed jaħseb li f'kawża oħra li tinvolvi l-istess parti jew partijiet dak il-ġudikant mhux ser ikun f'pożizzjoni li jaffronta l-każ b'mod oġġettiv. Il-kummenti ta' ġudikant, dejjem jekk ikunu fil-parametri tal-liġi u ta' dak li hu raġonevoli, huma parti essenzjali mill-motivazzjoni tas-sentenza*"[46];

"Illi, fl-aħħarnett, huwa xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-jedd għal smigħ xieraq ma jissarrafx fil-jedd li, ikun x'ikun, persuna akkost ta' kollox tinħeles mill-akkuża li tkun tressqet kontriha;

"Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ukoll ma huwiex ippruvat kif imiss u qiegħed jiġi miċħud;

"Illi, in kwantu l-ilment tar-rikorrenti jolqot l-applikabilita' tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, ma ntwera bl-ebda mod li r-rikorrenti nsatbu ħatja għal xi għamil li, meta twettaq, ma kienx jikkostitwixxi reat preskritt mil-liġi, jew li l-piena mogħtija fis-sentenza impunjata kienet tmur lil hinn mill-grad jew l-għamla ta' piena li l-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet tagħti fuq ir-riżultanzi;

"Illi r-rikorrenti qanqlu wkoll ilment dwar id-dewmien li ħadu l-proċeduri. Din l-osservazzjoni saret fil-korp tar-rikors promotur, iżda ma ġietx elaborata waqt it-trattazzjoni, għajr għal xi rimarka li saret *en passant* waqt it-trattazzjoni bil-fomm. Madankollu, ladarba dak l-ilment sar u ma ġiex ritirat, il-Qorti jkollha tqisu wkoll. Kif sewwa għamel l-intimat meta ġibed l-attenzjoni tal-Qorti dwar proċeduri oħrajn mibdija mir-rikorrenti fi żmien qabel

[46] P.A. Kost **9.9.2002** fir-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Pulizija vs Joseph Bone et.***

sewwasew dwar dan l-ilment[47], jidher li dan l-ilment kien diġa' mistħarreġ u maqtugħ u llum il-ġurnata jikkostitwixxi ġudikat. Madankollu, fit-termini tar-rikors preżenti – li jinbena kollu kemm hu fir-rigward tal-istadju tas-smigħ tal-appell tal-proċediment kriminali meħud kontra r-rikorrenti u oħrajn – dan l-ilment irid jiġi mistħarreġ ukoll għaliex jidher li jirreferi għal żmien li ma kienx meqjus fl-imsemmija proċeduri kostituzzjonali preċedenti;

"Illi meta l-Qorti rat sewwa l-atti relattivi minn dak inhar li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-9 t'April, 2001, sa ma ngħatat is-sentenza li minnha jilmentaw ir-rikorrenti fl-20 ta' Marzu, 2003, sabet li lanqas dan l-ilment ma huwa mistħoqq. Mingħajr ma toqgħod telabora wisq fuq it-tagħlim applikabbli dwar allegazzjoni ta' dewmien mhux raġonevoli, tgħid biss li ma ntwera bl-ebda mod li ż-żmien meħud fl-istadju tal-appell kien wieħed mhux raġonevoli jew mhux ġustifikat. Ta' min jgħid biss li, fis-sena li l-Avukat Ġenerali ressaq l-appell (2001) żewġ imħallfin li lilhom ġie assenjat il-każ astjenew. Inżammu xejn anqas minn ħames udjenzi għat-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-akkużati appellati, u kif ukoll tressqu noti mill-partijiet. Meta wieħed iqis li l-każ kien wieħed kompless u l-inkartament wieħed voluminuż, u meta wieħed iqis li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza ftit xhur wara, wieħed ma jistax fis-sewwa jgħid li kien hemm dewmien mhux mistħoqq fis-smigħ u t-trattazzjoni tal-appell li jwassal biex il-proċess jitqies bħala wieħed vizzjat jew leżiv tal-jedd fondamentali ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

"**Tiddikjara** li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-għoxrin (20) ta' Marzu, 2003, fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supt. Daniel Gatt, M. Bayliss, K. Ellul Boniċi) vs Andrew Ellul Sullivan, Joseph Ellul Sullivan, Carmel sive Ellul Sullivan u Philip Azzopardi" (Kawża Nru. 80/2001) ma kisret l-ebda wieħed mill-jeddijiet tagħhom

[47] Rikors Kostituzzjonali 651/98 maqtugħa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-29.3.1999

taħt l-artikoli  39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni jew taħt l-artikoli 6 u/jew 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; u b'hekk

**"Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** bl-ispejjeż kontra tagħhom."

**II  L-APPELL**

2.  L-appellanti Ellul Sullivan intavolaw ir-rikors ta' l-appell taghhom quddiem din il-Qorti fit-13 ta' Lulju, 2004.  F'dan ir-rikors, l-appellanti spjegaw dettaljatament l-aggravji taghhom fil-konfront tas-sentenza appellata u talbu li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet maghmula mill-appellanti fir-rikors promotur taghhom, kif ukoll taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha mehtiega jew opportuni sabiex id-drittijiet fondamentali taghhom, meritu tar-rikors minnhom prezentat jigu salvagwardjati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

3.  Dana l-appell gie kontestat mill-intimati, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, b'risposta li giet prezentata minnhom fit-22 ta' Lulju, 2004.  Hemmhekk, huma taw ir-ragunijiet ghaliex kienu qeghdin jopponu l-appell ta' l-appellanti, u filwaqt li rriservaw li jelaboraw dwar is-sottomissjonijiet taghhom fit-trattazzjoni orali tal-kawza, sostnew li s-sentenza appellata kienet gusta u ghalhekk timmerita konferma.

4.  Dana l-appell kien wiehed kombattut hafna.  Din il-Qorti zammet diversi seduti li fihom l-abbili difensuri rispettivi tal-kontendenti ghamlu dak kollu possibbli biex jesponu b'mod tassew approfondit u studjat ir-rispettivi tezijiet taghhom.  L-appell kien jimmerita dan it-trattament ghaliex involuti fih kien hemm kwistjonijiet pjuttost difficli u li kienu indubbjament ta' importanza kbira ghall-kontendenti.

5.  Minbarra li din il-Qorti gharblet sewwa l-process odjern, hija hadet debita konjizzjoni ta' l-atti kollha kontenuti fil-process kriminali li jissemma' fir-rikors promotur.  Din il-

Qorti ghamlet hekk, skond il-verbal tad-19 ta' Jannar 2005, a fol. 231 tal-process odjern li bis-sahha tieghu l-kontendenti qablu li dak il-process kriminali (deskritt mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali a fol. 1334, bhala wiehed "voluminuz u kompless") kellu jkun a disposizzjoni ta' din il-Qorti, minghajr ma jigi formalment allegat (ara fol. 231 tal-process odjern). Din il-Qorti ezaminat partikolarment bir-reqqa s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Marzu 2003, liema sentenza qieghda tigi impunjata bil-procedura odjerna. Bazikament l-appellanti qeghdin isostnu li dik is-sentenza hija sostanzjalment ibbazata fuq zewg prezunzjonijiet li biddlu l-oneru tal-prova b'tali mod li l-appellanti gew presunti hatja sakemm ma jippruvawx il-kuntrarju. Apparti li allegaw li l-gudikant li ta dik is-sentenza ma kienx imparzjali, allegaw ukoll li l-proceduri kriminali ma nqatghux fi zmien ragjonevoli. Huma ghalhekk qeghdin jallegaw illi bil-proceduri kriminali li kkulminaw l-istess sentenza, inkisru d-drittijiet fondamentali taghhom imsemmija fir-rikors promotur.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Kif diga` ntqal, is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Lulju 2004, cioe` s-sentenza appellata ma laqghetx din l-allegazzjoni ta' l-appellanti u ddikjarat li l-istess sentenza impunjata ma kissret l-ebda wiehed mill-jeddijiet taghhom imhares bl-Artikolu 39(1) u 39(2) tal-Kostituzzjoni u taht l-Artikoli 6 u jew 7 tal-Konvenzjoni Ghal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u b'hekk cahdet it-talbiet kollha ta' l-appellanti. Ghal praticita` l-imsemmija sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu 2003, ser tissejjah "is-sentenza impunjata" waqt li s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Lulju 2004, ser tibda tissemma' bhala "s-sentenza appellata".

7. Il-parametri ta' l-appell odjern necessarjament jinstabu minn banda l-wahda fl-aggravji li ressqu l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom u mill-banda l-ohra mill-opposizzjoni li ghamlu ghalihom l-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom. Izda qabel ma din il-Qorti tghaddi biex

tezamina dawn l-istess parametri jidhrilha li huwa opportun, ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, li jinghata sunt qasir hafna tar-retroxena ta' din il-kawza.

8. Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan kienu l-unici *shareholders* u diretturi tas-socjeta` Tessons Limited. Charles sive Carmelo Ellul Sullivan u Philip Azzopardi kienu l-unici diretturi tas-socjeta` J. Cachia Caruana Limited. Dawn l-erba' persuni kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta (bhala Qorti Istruttorja) fis-6 ta' Frar 1992, biex iwiegbu ghal diversi imputazzjonijiet, fosthom li fis-sentejn ta' qabel huma kienu ghamlu uzu xjentement minn *entries* tad-dwana li fuqhom kien hemm timbri falsifikati, b'mod li d-dazju u *levies* relattivi ma kenux thallsu lill-Kontrollur tad-Dwana. Il-Pulizija allegat li s-socjeta` Tessons Limited kien irnexxielha ddahhal f'Malta u tircievi merkanzija tal-valur komplessiv ta' Lm433,772 (erba' mija tlieta u tletin elf seba' mija u tnejn u sebghin elf Lira Maltija) minghajr ma hallset fuq din il-merkanzija s-somma ta' Lm430,772 (erba' mija u tletin elf seba' mija u tnejn u sebghin Lira Maltija) dazju u *levies*, waqt li s-socjeta` J Cachia Caruana Limited kien irnexxielha ddahhal f'Malta u tircievi hawnhekk merkanzija tal-valur komplessiv ta' Lm272,714 (mitejn u tnejn u sebghin elf seba' mija u erbatax-il Lira Maltija) fuq liema merkanzija ma thallasx id-dazju u *levies* li flimkien kienu jlahhqu s-somma ta' Lm281,317 (mitejn u wiehed u tmenin elf tlett mija u sbatax-il Lira Maltija). Kienu saru xi korrezzjonijiet fit-tahrika originali, b'digriet tal-Qorti Istruttorja tat-3 ta' April 1992, liema korrezzjonijiet ftit li xejn jikkoncernaw il-kawza odjerna.

9. Dawn l-imputazzjonijiet kienu orignaw wara li socjeta` kummercjali Maltija kienet ilmentat mal-Kontrollur tad-Dwana li prodotti tal-kumpanija Tessons Limited kienu qeghdin jigu spaccjati fis-suq lokali bi prezz inferjuri u li minhabba f'hekk kien hemm suspett li din il-kumpanija Tessons Limited kienet qieghda tevadi l-hlasijiet tad-dazju. Mill-investigazzjonijiet li ghamel id-Dipartiment tad-Dwana, infatti kien irrizulta li nstabu numru konsiderevoli ta' *entry forms* tad-dwana li ghalkemm fuqhom kien hemm it-timbru "*received payment*", il-hlas relattiv ma kienx

jidher registrat fil-*cashbooks* tad-Dwana u ghalhekk kien hemm suspett qawwi li d-dazju u l-*levies* relattivi ma kenux thallsu. Sussegwentement, il-Kontrollur tad-Dwana rrapporta l-kaz lill-Pulizija, li investigaw u ressqu l-imsemmija erba' persuni, fosthom iz-zewg appellanti odjerni, quddiem il-Qorti ta' gurisidzzjoni Kriminali biex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet li ssemmew fil-paragrafu precedenti.

10. Il-Kumpilazzjoni damet ghaddejja s-snin, l-aktar ghaliex il-Qorti Istruttorja damet aktar minn erba' snin tistenna li tigi pprezentata r-relazzjoni ta' espert forensiku li kien inhatar biex jirrelata fuq l-aspetti teknici tal-kaz. F'dana l-isfond, l-erba' imputati, fil-15 ta' Mejju 1998, kienu ressqu rikors quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li bih allegaw li kienu qeghdin jinkisru l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, cioe` d-dritt fondamentali ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. L-imsemmija Qorti tat id-decizjoni taghha fid-29 ta' Marzu 1999, li biha gie dikjarat ksur ta' l-imsemmija disposizzjonijiet u tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Gie dikjarat ukoll li bis-sejba ta' ksur hemm "*just satisfaction*" ghar-rikorrenti. Dawn ta' l-ahhar appellaw quddiem il-Qorti, kif ghamlu incidentalment l-intimati u dak l-appell tmexxa kontestwalment ma' l-appell odjern minn din il-Qorti.

11. Jirrizulta minn fol. 961 tal-process kriminali li fit-18 ta' Novembru 1998, l-Avukat Generali ddecieda li mill-atti tal-kumpilazzjoni kienet tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-erba' imputati taht dak li hemm mahsub fid-diversi artikoli tal-ligi li jissemmew fl-istess decizjoni ta' l-Avukat Generali. Bis-sahha ta' l-istess decizjoni l-Avukat Generali baghat lill-imputati biex jigu ggudikati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u dana kif hemm mahsub fl-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali. Billi kif jirrizulta minn fol. 964 l-imputati ddikjaraw li jixtiequ li l-kaz taghhom jigi trattat sommarjament, dik il-Qorti kompliet tisma' il-kaz u effettivament tat is-sentenza taghha fid-9 ta' April 2001, (ara fol. 1094 tal-process kriminali). Effettivament dik il-

Qorti ma sabitx lill-imputati hatja skond l-akkuzi u allura lliberathom minnhom.

12. Jirrizulta li fit-30 ta' April 2001, (ara fol. 1104 tal-process kriminali) gie intavolat mill-Avukat Generali rikors li bih appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali mill-imsemmija sentenza tad-9 ta' April, 2001. L-Avukat Generali talab li, ghar-ragunijiet dettaljati indikati fl-istess rikors ta' l-appell tieghu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-imputati gew liberati mill-akkuzi kollha, u minflok issibhom u tiddikjarahom hatja u tinfliggi fuqhom il-piena skond il-ligi.

13. Dan ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali gie in parte milqugh mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza li hija ppronunzjat fl-20 ta' Marzu, 2003. Kopja ta' din is-sentenza tinsab esebita fil-process kriminali minn fol. 1314 sa fol. 1347. In succint b'dik is-sentenza, dik il-Qorti laqghet l-appell ta' l-Avukat Generali in parte billi rriformat is-sentenza appellata, in kwantu kkonfermatha fejn sabet lil Joseph Ellul Sullivan u lil Philip Azzopardi mhux hatja ta' l-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u lliberathom minn kull imputazzjoni u piena. Ikkonfermatha wkoll kwantu lliberat lil Andrew Ellul Sullivan u lil Carmelo sive Charles Ellul Sullivan minn diversi imputazzjonijiet koperti bl-Ordinanza tad-Dwana, il-Kodici Kriminali (Kap. 9), kif ukoll taht l-Att XXI tal-1989. Izda mbaghad irrevokat is-sentenza appellata in kwantu ma sabitx htija u lliberat lill-istess Andrew Ellul Sullivan u Carmelo sive Charles Ellul Sullivan mill-akkuzi li jaqghu taht l-Artikolu 62(f)(g)(i)(k) u (m) tal-Kap. 37, taht l-Artikoli 169 u 308 tal-Kodici Kriminali u minflok sabithom hatja bhala diretturi tar-rispettivi socjetajiet li taghhom kienu diretturi taht l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi. B'hekk, sabithom hatja li fl-ahhar sentejn qabel is-6 ta' Frar 1992, xjentement ghamlu uzu minn *entries* tad-dwana b'timbru falsifikat, li ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn hames mitt Lira ghad-dannu tal-Gvern. Andrew Ellul Sullivan, bhala direttur ta' Tessons Limited, gie misjub hati li importa u rcieva f'Malta merkanzija tal-valur globali ta' Lm440,547 (erba' mija u erbghin elf hames mija u sebgha u erbghin Lira Maltija)

bla ma hallas id-dazju u l-*levy* fuqha ammontanti komplessivament tas-somma Lm432,465 (erba mija u tnejn u tletin elf erba' mija u hamsa u sittin Lira Maltija). Sabet ukoll lil Carmelo Ellul Sullivan, bhala direttur ta' J. Cachia Caruana Limited, hati li importa u rcieva merkanzija f'Malta tal-valur komplessiv Lm272,714 (mitejn u tnejn u sebghin elf seba' mija u erbatax-il Lira Maltija) bla ma fuqha kien thallas id-dazju u l-*levy* li komplessivament kienu jammontaw ghas-somma ta' Lm281,317 (mitejn u wiehed u tmenin elf tlett mija u sbatax-il Lira Maltija). Dik il-Qorti kkundannat lil Andrew Ellul Sullivan u lil Carmelo sive Charles Ellul Sullivan ghar-reati li jaqghu taht il-Kodici Kriminali b'piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, b'dana li s-sentenza ma kellhiex tibda fis-sehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza huma jikkommettu reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Inoltre, ghar-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, Andrew Ellul Sullivan gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' miljun tnax-il elf mitejn u sebgha u erbghin Lira Maltija (Lm1,012,247), maghmula kwantu ghal Lm131,152 impost ta' l-ammont ta' dazju dovut u kwantu ghal Lm881,095 impost tad-doppju tal-valur ta' l-oggetti. Ghall-istess reati, Carmelo sive Charles Ellul Sullivan gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' sitt mija u sittax-il elf sitt mija u tlieta u tmenin Lira Maltija (Lm616,683) liema somma hija maghmula kwantu ghal Lm71,255 import tad-dazju dovut u kwantu Lm545,428 id-doppju tal-valur ta' l-oggetti importati. Inoltre, s-sentenza ddikjarat terz minn kull ammont tal-multa kellu jigi kkunsidrat bhala dejn civili u fl-ahharnett dik il-Qorti kkonsentiet li l-ammonti msemmija setghu jithallsu b'rati mensili bil-kondizzjonijiet li jissemmew fl-istess sentenza.

14. Fis-7 ta' April 2003, Andrew u Charles ahwa Ellul Sullivan ressqu rikors quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li fih allegaw li s-sentenza msemmija fil-paragrafu precedenti ("is-sentenza impunjata") kienet ivvjolatilhom id-drittijiet fundamentali taghhom kif protetti bl-Artikolu 39 u in partikolari s-subartikolu 5 ta' l-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319) u ghalhekk talbu lil

dik il-Qorti joghgobha tannulla u thassar l-istess sentenza impunjata billi din ittiehdet in vjolazzjoni ta' l-istess drittijiet fondamentali taghhom u talbu lil dik il-Qorti li taghtihom kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

15. Din il-lanjanza ta' Andrew u Charles Ellul Sullivan ma gietx milqugha minn dik il-Qorti, ghaliex b'sentenza li hija ppronunzjat fit-8 ta' Lulju 2004 (ara fol. 144 sa fol 176 tal-process) it-talbiet taghhom gew michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

16. Quddiem din il-Qorti, Andrew u Charles ahwa Ellul Sullivan ressqu rikors ta' appell wiehed, li jinsab a fol. 178 *et seq.* tal-process. Din il-Qorti sejra issa tezamina kull aggravju kontenut fl-istess rikors, biex fid-dawl ta' l-opposizzjoni li saret mill-appellati, tikkonstata jekk l-istess aggravju kienx fondat jew le. Effettivament l-aggravji huma migjuba mill-appellanti taht tlett kapi li rispettivament huma msejha (1) ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza, (2) imparzjalita` u (3) smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

**<u>Dwar l-allegazzjoni tal-ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza</u>**

17. L-ewwel parti ta' l-aggravju ta' l-appellanti, fi kliemhom stess, huwa dan:

"Ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx l-aggravju taghhom kif tressaq, u cioe` r-rikorrenti bbazaw l-ilment taghhom fir-rigward ta' sensiela ta' presunzjonijiet u deduzzjonijiet li lkoll flimkien fid-dawl tal-process intier waslu ghal vjolazzjoni tad-dritt li jigu presunti innocenti. Minflok sar dan, l-ewwel Onorabbli Qorti ezaminat dawk il-presunzjonijiet u rat biss li huma stabbiliti fil-ligi ordninarja minghajr ma kkunsidrat jekk dawk l-istess presunzjonijiet mehuda flimkien fi process wiehed ivvjolawx dak il-limitu impost fuq il-ligi ordinarja bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea. In oltre l-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat id-deduzzjonijiet maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali biss fid-dawl tal-ligi penali applikata ghall-kaz minghajr ma ezaminat jekk dawn id-deduzzjonijiet imorrux oltre l-limiti li timponi l-presunzjoni ta' l-innocenza.

Ghalhekk ma kienx il-kompitu ta' l-ewwel Qorti li tiddeciedi jekk il-presunzjonijiet jew id-deduzzjonijiet li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali setghux isiru skond il-ligi penali jew setghux iwasslu ghal dik il-konkluzjoni a bazi tal-process fl-interezza tieghu, izda dik l-ewwel Qorti kienet obbligata tikkunsidra jekk is-sensiela shiha ta' presunzjonijiet fl-interezza tal-process irrispettatx il-presunzjoni ta' l-innocenza u l-principju integrali li kwalunkwe dubju ghandu jittiehed favur l-akkuzat."

18. Huwa necessarju li jigi pprecizat li l-ilmenti ta' l-appellanti dwar l-allegat ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza kif jirrizultaw mir-rikors promotur intavolat minnhom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' April 2003, ma kienx dirett fil-konfront ta' "sensiela ta' presunzjonijiet u deduzzjonijiet" kif issa qieghed jinghad fir-rikors ta' l-appell intavolat quddiem din il-Qorti. Invece, fl-imsemmi rikors promotur inghad:
"illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Kriminali hija sostanzjalment ibbazata fuq <u>zewg presunzjonijiet</u> li biddlu l-oneru tal-prova b'tali mod li huma gew presunti hatja sakemm ma jippruvawx il-kuntrarju." (enfasi ta' din il-Qorti).

19. Ghandu jigi pprecizat ukoll li l-appellanti ilmentaw specifikatament minn zewg prezunzjonijiet li huma rispettivament kontenuti fl-Artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u fl-Artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249). L-appellanti allegaw li dawn iz-zewg disposizzjonijiet ivvjolaw l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artkolu 6(2) ta' l-ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Ghall-ahjar intendiment ta' dana l-appell il-partijiet rilevanti ta' dawn id-dispozizzjonijiet kollha sejrin jigu hawn riprodotti.

**<u>Artikolu 77 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37)</u>**
77. Jekk ..... fi procedimenti ghal gbir ta' xi piena ta' flus jew xort'ohra skond din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx gie mhallas,...... il-prova tieghu tmiss.... lill-imputat li kontra tieghu jsir dak il-procediment.....

**<u>Artikolu 13 Ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249)</u>**
"13. Meta xi reat..... isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, ..... tkun hatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-ghemil tar-reat:....."

**<u>Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>**
"39(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:

Izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorita` ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu sa fejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta' fatti partikolari."

**<u>Artikolu 6(2) ta' l-Ewwel Skeda annessa mal-Kapitolu 319</u>**
"6(2) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skond il-ligi.

Ghandu jinghad li dan id-dritt fondamentali huwa esegwibbli bhala parti mil-ligi ta' Malta skond id-dikjarazzjoni u riserva maghmulin mill-Gvern ta' Malta meta giet iffirmata l-Konvenzjoni fit-12 ta' Dicembru, 1966. Skond it-Tieni Skeda annessa ma' l-imsemmi Att il-Gvern ta' Malta espressament irriserva u ddikjara li qieghed jinterpreta l-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fis-sens illi ma tipprekludix xi ligi partikolari milli timponi fuq xi persuna akkuzata taht dik il-ligi l-piz tal-prova ta' fatti partikolari."

20. In succint, l-appellanti qeghdin jilmentaw, f'din l-ewwel parti ta' l-aggravju taghhom, li l-ewwel Qorti kkunsidrat il-prezunzjonijiet imsemmija u d-deduzzjonijiet maghmula mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, <u>semplicement biss</u> fid-dawl tal-ligi ordinarja u dik penali. Jilmentaw li dik il-Qorti semplicement ikkunsidrat li dawn setghu jsiru skond dawk

il-ligijiet, izda l-appellanti jissottolinejaw li l-ewwel Qorti naqset mill-kompitu proprju li kien imiss lilha u cioe` li tindaga jekk dawk il-prezunzjonijiet, fl-interezza tal-process, kienu jirrispettaw il-presunzjoni ta' l-innocenza kif ukoll il-principju integrali li kwalunkwe dubju ghandu jmur favur l-akkuzat.

21. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, din l-ewwel parti ta' l-aggravju in kwistjoni ma jidhirx fondat. Jirrizulta minn ezami tas-sentenza appellata li l-ewwel Qorti ghamlet - *sia pure* f'termini pjuttost lakonici - l-ezami rikjest mill-indole tal-kawza odjerna u cioe` jekk il-presunzjonijiet imsemmija kienux jirrispettaw il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzati u infatti waslet ghall-konkluzjoni li s-sentenza impunjata ma kenitx illediet l-imsemmi dritt fondamentali taghhom. Is-segwenti zewg siltiet mis-sentenza appellata jikkjarifikaw dak li qieghda tghid il-Qorti:

"Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin mogħtija mill-Qorti Ewropeja, il-preżunzjoni tal-innoċenza tfisser, fost l-oħrajn, li l-piż tal-prova jaqa' ġeneralment fuq il-prosekuzzjoni[48]. Madankollu, dan ma jfissirx li **f'kull każ** il-piż tal-prova irid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u kif ukoll l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni tagħna jagħrfu dan, f'tal-aħħar b'mod espress permezz ta' *proviso*. L-artikoli msemmija ma humiex kontra li xi liġi tistipula għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li jaħdmu kontra l-persuna mixlija. Iżda huwa mistenni li l-Istat jillimita tali preżunzjonijiet b'mod raġonevoli li jieħu qies tas-siwi ta' dak li l-każ jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiża xierqa[49]. Fost tali preżunzjonijiet li tqiesu li ma jmorrux kontra l-imsemmija artikoli ġiet identifikata dik fejn direttur ta' kumpannija jitqies ħati ta' offiża mwettqa mill-kumpannija li tagħha huwa direttur[50];

-omissis-

"Illi l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali għażlet, skond ir-rikorrenti, li tislet fehma fuq il-provi li kellha quddiemha li biha sabithom ħatja, ma jwassalx b'daqshekk għall-

---

[48] ECHR **6.12.1988** fil-kawża ***Barbera', Messegue' & Jabardo vs Spain*** (Applik. Nru. 10590/83) par. 77

[49] Ara ECHR **7.10.1988** fil-kawża ***Salabiaku vs France*** (Applik. Nru. 10519/83) par. 27-8

[50] ECommHR **10.12.1991** fil-kawża ***AG vs Malta*** (Applik. Nru. 16641/90)

konklużjoni li dik il-Qorti kisret il-jedd tagħhom taħt l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Il-fatt li x-xhieda setgħet tiġi interpretata mod ieħor jikkostitwixxi ċirkostanza li, fil-parametri tas-setgħat li kellha fi ħdanha l-Qorti tal-Appell Kriminali, setgħet twettaq fil-ħarsien sħiħ tal-legalita' u l-ħaqq. Naturalment, kieku l-Qorti tal-Appell Kriminali fehmet il-provi li kellha quddiemha fis-sens li jridu r-rikorrenti (eżerċizzju daqstant ieħor siewi bħal dak li wettqet bil-konklużjonijiet li waslet għalihom fis-sentenza impunjata) kieku dawn il-proċeduri ma nbdew qatt. Imma dan huwa sewwasew dak li din il-Qorti trid iżżomm 'il bogħod minnu, u jiġifieri, ma tridx tqis jekk is-sentenza fil-mertu marritx kif ir-rikorrenti xtaqu, imma jekk is-sentenza turix li l-ġudikant naqas li jħares il-jeddijiet fondamentali tagħhom."

22. It-tieni parti ta' l-imsemmi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jallega li s-sentenza appellata ma indagatx dwar il-pretensjoni taghhom li l-imsemmija zewg prezunzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 77 tal-Kap. 37 u fl-Artikolu 13 tal-Kap. 249 huma inkompatibbli mal-prezunzjoni ta' l-innocenza. L-appellanti jispjegaw dana l-ilment taghhom b'dawn il-kliem:
"Ir-rikorrenti jfittxu decizjoni ta' nullita` ta' l-artikoli tal-ligi penali li gew applikati fil-process taghhom dwar l-inverzjoni tal-provi jekk tali dikjarazzjoni ta' nullita` hija mehtiega biex jigi salvagwardat id-dritt taghhom li junu presunti innocenti. Fil-fatt ma huwiex mehtieg li huma jitolbu dikjarazzjoni ta' din in-nullita` billi ksur tad-drittijiet fundamentali jista' anke jigi fis-sehh sija mil-ligi nnifisha sija mill-mod kif dawk l-artikoli jigu applikati fi process billi fi process partikolari jigu applikati b'tali mod li jivvjolaw dawk il-limiti imposti minnhom mil-ligi superjuri u cioe` mill-Kostituzzjoni. Ghalhekk kienet zbaljata l-ewwel Onorabbli Qorti li kkonkludiet li s-sottomissjonijiet maghmula mir-rikorrenti fir-rigward tal-mertu tal-presunzjonijiet uzati fil-kamp penali ma tapplikax f'kaz meta dawk l-artikoli tal-ligi nnifishom ma humiex qeghdin jigu attakkati. Tali sottomissjonijiet huma necessarji ghaliex juru dawk il-parametri f'liema jistghu jigu applikati l-presunzjonijiet u inverzjoni tal-provi fi process kriminali. Kienet ukoll, bir-rispett, zbaljata billi assumiet li l-

presunzjonijiet kreati minn dawn l-artikoli ma kenux in diskussjoni meta manifestament kienu ghaliex ir-rikorrenti kienu qeghdin jilmentaw li l-applikazzjoni taghhom waslet ghal-lezjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti."

23. Is-sentenza appellata ma kkonkludietx, kif qeghdin jallegaw l-appellanti f'din il-parti ta' l-aggravju taghhom, li ladarba huma ma kenux qeghdin jattakkaw id-disposizzjonijiet tal-ligi stess fuq imsemmija, allura s-sottomissjonijiet maghmula fir-rigward tal-meritu tal-prezunzjonijiet imsemmija ma kenux japplikaw. Kull ma rrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huwa dan:
"Illi hemm ukoll il-fatt li r-rikorrenti ma humiex qeghdin jattakkaw il-kostituzzjonalita` jew is-siewi ta' l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas l-Artikolu 13 tal-Kap. 249."

Dwar il-kostituzzjonalita` ta' dan l-ahhar imsemmi Artikolu, s-sentenza appellata rreferiet ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru 1989, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Grech Sant**.

24. Ma hemm l-ebda dubju mill-atti processwali, u senjatament dawk li gew prezentati fil-mori ta' dana l-appell, li effettivament l-appellanti qeghdin jallegaw li l-imsemmija zewg disposizzjonijiet kontenenti dawk il-prezunzjonijiet huma inkompatibbli mal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat sancita fl-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni. Jista' ikun li l-ewwel Qorti giet zvijata fuq din il-kwistjoni partikolari ghaliex fir-rikors promotur l-appellanti naqsu li jindikaw car u tond li huma kienu qeghdin iressqu pretensjoni li l-imsemmija zewg artikoli, <u>fihom infushom</u>, kienu qeghdin jilledulhom l-imsemmija drittijiet fondamentali taghhom. Dan johrog minn ezami akkurat tar-rikors promotur ta' l-appellanti u senjatament il-parti (li tinsab a fol. 4 tal-process) li tghid hekk:
"L-esponenti ghalhekk jissottomettu li bl-interpretazzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali lil-ligi, <u>jekk mhux bil-ligi nnifisha</u>, gie lez id-dritt taghhom ghal smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti, u in partikolari d-dritt taghhom li jigu presunti innocenti

sakemm il-prosekuzzjoni ma tippruvax il-htija taghhom." (enfasi ta' din il-Qorti)

25. F'dawn ic-cirkostanzi, allura jmiss lil din il-Qorti li tindaga dwar jekk l-imsemmija zewg prezunzjonijiet statutorji humiex kompatibbli jew le ma' l-imsemmija disposizzonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. L-imsemmija erba' disposizzjonijiet jinsabu citati f'din is-sentenza ezattament f'paragrafu 19 taghha. Izda qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina specifikatament l-imsemmija Artikoli 77 u 13, il-Qorti sejra taghmel dawn il-kummenti li huma ta' natura generali.

26. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li kemm l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u kemm ukoll l-Artikolu 6(2) ta' l-Ewwel Skeda annessa ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319), liema subartikolu ghandu jigi moqri ghad-dikjarazzjoni u riserva kontenuta fl-ewwel paragrafu tat-Tieni Skeda annessa ma' l-istess Att, ma jipprekludux li xi ligi partikolari milli timponi fuq xi persuna akkuzata taht dik il-ligi l-piz tal-prova ta' fatti partikolari. Evidentement dawn id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tal-Kap. 319, filwaqt li jpoggu l-piz tal-prova tal-htija ta' l-akkuzat fuq spallejn il-prosekuzzjoni, jipprovdu salvagwardja ghal certi eccezzjonijiet mehtiega mill-interess pubbliku u li jkunu jiggustifikaw li l-piz tal-prova jigi invertit, biex b'hekk, ikun hemm l-obbligu li xi fatt partikolari tippruvah il-persuna akkuzata.

27. Huwa utili li din il-Qorti tirriproduci l-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti stess ghamlet fis-sentenza taghha moghtija fl-1 ta' April 2005, fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta v. Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux** billi dawk il-konsiderazzjonijiet ta' natura generali hemmhekk maghmula jghoddu wkoll ghall-meritu ta' din is-sentenza:

***"General principles and considerations***

*"8. There is no doubt that the presumption of innocence is a cardinal principle of criminal justice. As was stated by*

*the then Lord Chancellor, Viscount Stankey, in* ***Woolmington v. DPP*** [51]

***"“…throughout the web of English criminal law one golden thread is always to be seen, that is that it is the duty of the prosecution to prove the prisoner’s guilt.”***

*"However, it has always been accepted, both in English and in Maltese law, that there may be circumstances where it is only fair that the onus of proving certain facts, especially facts which lie within the particular knowledge of the accused, should rest on the accused himself: we have already seen the proviso to subsection (5) of Section 39 of the Constitution, and how this has been transposed, by way of a declaration, to the interpretation of Article 6(2) of the Convention under the European Convention Act. This Court does not believe that it is necessary to go into a detailed analysis of the distinction between the “legal burden” and the “evidential burden” as understood in English law (and to a certain extent also in Scots law)[52] – in practice Maltese courts have steered clear of the subtle distinctions that go into such a detailed analysis. The principles applied by Maltese Courts of Criminal Justice in this field are quite clear: (**i**) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt; (**ii**) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities; (**iii**) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted; (**iv**) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must*

---

[51] [1935] A.C. 426 at 481.

[52] One may refer in connection with this matter to **Blackstone’s Criminal Practice – 2004**, (OUP) paras. F3.1 to F3.15, pages 2033 to 2047; Sir Richard Eggleston’s **Evidence, Proof and Probability**, Weidenfeld & Nicolson (London) 1978, pp. 89 to 92; David Field and Fiona Raitt **Evidence**, W. Green / Sweet & Maxwell (Edinburgh) 1996, pp. 12 to 16.

*be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case; (**v**) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence.*

***"Further considerations***

*"9. This court has had the benefit not only of extensive arguments by learned counsel on both sides, but also the benefit of reading several judgements of the European Court of Human Rights and of the Court of Appeal of England and Wales and of the House of Lords to which learned counsel also referred. Now there is no doubt that, apart from Malta's declaration referred to above, Article 6(2) of the Convention does not in principle prohibit presumptions of fact or of law and "reverse onus provisions". As Ben Emmerson and Andrew Ashworth observe in their book **Human Rights and Criminal Justice** [53]:*

***"“The European Court of Human Rights has held that, whilst Article 6(2) does not automatically prohibit all presumptions of fact or law, neither does it regard such presumptions ‘with indifference’. Rules which transfer the burden to the defence to disprove specific facts or matters must be confined ‘within reasonable limits’ which respect the rights of the defence, and ensure that the prosecution bear the overall burden of proving the defendant's guilt. As the Court has observed [in Salabiaku v. France (1991) 13 E.H.R.R. 379]: ‘Presumptions of fact or of law operate in every legal system. Clearly the Convention does not prohibit such presumptions in principle. It does, however, require the Contracting States to remain within certain limits in this respect as regards the criminal law…Article 6(2) does not therefore regard presumptions of fact or of law provided for in the criminal law with indifference. It requires States to***

[53] Sweet & Maxwell (London) 2001.

***confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence'."*** [54]

*"10. Of particular relevance is also the general guidance given to lower courts by the Court of Appeal (Criminal Division) of England and Wales in the judgement delivered on the 29 April 2004 in the matter of* **Attorney General Reference no. 1 of 2004 and R. v. Edwards and others** [55]*. In this case the Court had this to say:*

***"“The common law (the golden thread) and the language of Article 6(2) have the same effect. Both permit legal reverse burdens of proof or presumptions in the appropriate circumstances.***

***"“Reverse legal burdens are probably justified if the overall burden of proof is on the prosecution i.e., the prosecution has to prove the essential ingredients of the offence, but there is a situation where there are significant reasons why it is fair and reasonable to deny the accused the ‘general’ protection normally guaranteed by the presumption of innocence.***

***"“Where the exception goes no further than is reasonably necessary to achieve the objective of the reverse burden (i.e. it is proportionate), it is sufficient if the exception is reasonably necessary in all the circumstances. The assumption should be that Parliament would not have made an exception without good reason. While the judge must make his own decision as to whether there is a contravention of Article 6, the task of a judge is to ‘review’ Parliament’s approach…***

***"“If only an evidential burden is placed on the defendant there will be no risk of contravention of Article 6(2).***

[54] *Op. cit.* p. 258, para. 9-09.
[55] The Court was composed of The Lord Chief Justice (Lord Woolf), Lord Justice Judge, and Justices Gage, Elias and Stanley Burnton.

***"“When ascertaining whether an exception is justified, the court must construe the provision to ascertain what will be the realistic effects of the reverse burden. In doing this the court should be more concerned with substance than form. If the proper interpretation is that the statutory provision creates an offence plus an exception that will in itself be a strong indication that there is no contravention of Article 6(2).***

***"“The easier it is for the accused to discharge the burden the more likely it is that the reverse burden is justified. This will be the case where the facts are within the defendant’s own knowledge. How difficult it would be for the prosecution to establish the facts is also indicative of whether a reverse legal burden is justified.***

***"“The ultimate question is: would the exception prevent a fair trial? If it would, it must either be read down if this is possible; otherwise it should be declared incompatible.***

***"“Caution must be exercised when considering the seriousness of the offence and the power of punishment. The need for a reverse burden is not necessarily reflected by the gravity of the offence, though, from a defendant’s point of view, the more serious the offence, the more important it is that there is no interference with the presumption of innocence.***

***"“If guidance is needed as to the approach of the European Court of Human Rights, that is provided by the Salabiaku case at para 28 of the judgement where it is stated that: ‘Article 6(2) does not therefore regard presumptions of fact or of law provided for in the criminal law with indifference. It requires states to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintains the rights of the defence’.”***

*"11. More recently in the House of Lords[56], in **Attorney General's Reference no. 4 of 2002 and Sheldrake v. DPP** [57], Lord Bingham of Cornhill, who delivered the main opinion after reviewing the case-law of the European Court of Human Rights, had this to say:*

***"“From this body of authority certain principles may be derived. The overriding concern is that the trial should be fair, and the presumption of innocence is a fundamental right directed to that end. The Convention does not outlaw presumptions of fact or of law but requires that these should be kept within reasonable limits and should not be arbitrary. It is open to states to define the constituent elements of a criminal offence, excluding the requirement of mens rea. But the substance and effect of any presumption adverse to the defendant must be examined, and must be reasonable. Relevant to any judgement on reasonableness or proportionality will be the opportunity given to the defendant to rebut the presumption, maintenance of the rights of the defence, flexibility in application of the presumption, retention by the court of a power to assess the evidence, the importance of what is at stake and the difficulty which a prosecutor may face in the absence of a presumption. Security concerns [58] do not absolve member states from their duty to observe basic standards of fairness. The justifiability of any infringement of the presumption of innocence cannot be resolved by any rule of thumb, but on examination of all the facts and circumstances of the particular provision as applied in the particular case.”"***

28. Ghalkemm din il-Qorti ezaminat akkuratament diversi sentenzi dwar din il-materja moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg kif ukoll minn Qrati Inglizi, fosthom dawk kollha citati mill-partijiet f'din il-kawza, ma thossx in-

[56] Lord Bingham of Cornhill, Lord Steyn, Lord Phillips of Worth Matravers, Lord Rodger of Earlsferry and Lord Carswell.
[57] Opinions delivered on the 14 October 2004.
[58] The case involved, among other things, a reference concerning Section 11(2) of the Terrorism Act 2000.

necessita` li tkompli tapprofondixxi dana l-aspett tal-kawza ghaliex dak li ntqal fil-paragrafu precedenti huwa, fic-cirkostanzi, sufficjenti. Tillimita ruhha biss li tosserva li jidher li meta l-Qrati Inglizi jsibu li xi "*reverse burden of proof*" f'xi ligi partikolari jkollu certa inkompatibbilita` mad-dritt fondamentali tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, huma jistghu, meta dan jidhrilhom li huwa possibbli, li "jiddilwixxu" s-sahha ta' dik id-disposizzjoni, li b'hekk, tigi "*read down*". Il-Qrati Inglizi jaghmlu hekk billi jaddottaw interpretazzjoni, li minflok ma tesigi li l-akkuzat ikollu fuq spallejh <u>a legal burden</u> (fejn ikun minnu rikjest li jaghmel prova ta' xi fatti partikolari fuq bilanc ta' probabbilitajiet), huwa jkollu fuq spallejh oneru ta' prova wisq anqas impenjattiv li jissejjah "<u>*evidential burden*</u>". F'dan l-ahhar imsemmi kaz, ikun sufficjenti ghall-akkuzat li jipprovdi "xi ftit" ta' evidenza li tissodisfa lill-Qorti u li tikkorrobora d-difiza tieghu u meta jirnexxielu jaghmel hekk allura jsir dover tal-prosekuzzjoni li twaqqa' dik id-difiza bi provi li solitament ikunu rikjesti fil-process kriminali u cioe` lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Kif diga` ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza fuq citata ta' **Eyre u Molyneaux**, il-Qrati Maltin qatt ma adoperaw din is-"*subtle distinction*" li kultant jaghmlu l-Qrati Inglizi f'kazijiet ta' "*reverse burden of proof*".

<u>**Jekk l-Artikolu 13 tal-Kap. 249 jivvjolax il-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat**</u>

29. Din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni tgharbel ilment simili jekk mhux identiku ghal dak li qieghed isir mill-appellanti fil-kawza odjerna dwar l-imsemmi Artikolu 13 tal-Kap. 249. Din il-Qorti qieghda tirreferi hawn ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fid-29 ta' Novembru 1989, fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija v. Anthony Grech Sant**, liema sentenza hija riportata fil-Kollezzjoni Volum LXXIII (1989), l-ewwel parti, f'pagna 227 *et seq*. Hemmhekk, din il-Qorti kienet sabet li l-imsemmi Artikolu 13 ma jivvjolax il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat rikjesta mill-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti ghadha ta' l-istess fehma u ma jidhrilha li ma hemm xejn izjed x'izzid mal-motivi li jiggustifikaw dik is-sentenza.

30. F'dan il-kuntest ghandha ssir riferenza ghad-"decision as to admissibility" tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li nghatat fl-10 ta' Dicembru 1991, fl-ismijiet **A. G. v. Malta** (application number 16641/90). Din id-decizjoni kienet tikkoncerna l-kawza msemmija fil-paragrafu precedenti, li incidentalment ukoll kienet dwar kaz tad-dwana. Il-Kummissjoni kienet *inter alia* osservat hekk biex waslet ghad-decizjoni li l-ilment kien inammissibbli:

*"The applicant complains that he has been deprived of the presumption of innocence guaranteed by Article 6 para. 2 (Art. 6-2) of the Convention, which provides:*

*Everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until proved guilty according to law.*

*The applicant submits that the defence provided for in Article 13 of Act VII of 1975 is self-contradictory and makes it impossible for him to rebut the presumption of guilt imposed by it.*

*The Commission recalls that presumption of fact or of law operate in every legal system and that while the Convention does not prohibit such presumptions in principle, Article 6 para. 2 (Art. 6-2) requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence (see e.g. Eur. Court H.R., Salabiaku judgement of 7 October 1988, Series A no. 141A, pp. 55-18, paras. 28-30).*

*The Commission notes that in the present case the legislation provides that a director of a company is presumed guilty of an offence committed by the company unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence. The applicant was therefore provided under the legislation with the possibility of exculpating himself. The Commission does not consider that the conditions, which required the applicant to prove that he had no actual knowledge of the offence and also was not negligent in his duties as an officer of a*

*company, were self-contradictory or imposed and irrebuttable presumption. The Commission further finds that the Maltese courts enjoyed a genuine freedom of assessment in this area and that there is no indication that Article 13 of the 1975 Act was applied to the applicant in a manner incompatible with the presumption of innocence.*

*The Commission considers therefore that the application is manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention.*

*For these reasons, the Commission unanimously*

*DECLARES THE APPLICATION INADMISSIBLE."*

31. Minn dak li ntqal sa issa rrizulta manifest li l-imsemmi Artikolu 13 tal-Kap. 249 la huwa inkompatibbli ma' l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u lanqas ma huwa inkompatibbli ma' l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni.

**<u>Jekk l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 huwiex kompatibbli mal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat</u>**

32. Fi ftit kliem, l-Artikolu 77 imsemmi jipprovdi li meta tqum kwistjoni dwar jekk id-dazju dovut fuq oggetti importati kienx gie mhallas jew le, il-prova relattiva tal-hlas tmiss lill-akkuzat. Ezami akkurat ta' dan l-Artikolu jindika li meta persuna tkun akkuzata b'reat tad-dwana, bhalma kienu l-appellanti, ma jkunx hemm inverzjoni awtomatika tal-piz tal-prova tal-hlas tad-dazju minn fuq spallejn il-prosekuzzjoni ghal fuq spallejn ta' l-akkuzat. Din l-inverzjoni tal-piz tal-prova tiskatta biss "<u>meta tqum kwistjoni jekk id-dazju ..... kienx gie mhallas</u>". Fi kliem iehor jekk l-akkuzat jibqa' assolutament sieket u ma jqajjimx li d-difiza li huwa kien ghamel il-hlas tad-dazju, allura ma jkun hemm l-ebda kwistjoni jekk id-dazju jekk id-dazju thallasx jew le. F'dan il-kaz l-oneru tal-prova tan-nuqqas tal-hlas jibqa' fuq spallejn il-prosekuzzjoni li normalment tadempixxi dan l-oneru billi taghmel il-prova li l-hlas tad-dazju ma jkunx registrat fil-"*cashbooks*" u "*record*" ohra tad-Dwana. Madanakollu, meta l-akkuzat jidhirlu li ghandu jikkontesta l-provi relattivi li tkun ressqet il-prosekuzzjoni dwar il-hlas tad-dazju, <u>billi jallega li dak id-</u>

<u>dazju kien fil-fatt hallsu</u>, allura f'dak l-istadju tqum kwistjoni dwar jekk il-hlas sarx verament jew le.  Ikun f'dana l-istadju li allura tiskatta d-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 77 li allura jixhet fuq spallejn l-akkuzat l-oneru li jipprova l-hlas, u dana s'intendi dejjem, fuq bilanc ta' probabilitajiet. Interpretat hekk, dana l-artikolu ma jidhirx li verament jistabilixxi presunzjoni kontra l-akkuzat, izda minflok semplicement jistabilixxi li jekk l-akkuzat jallega li huwa kien hallas id-dazju, allura jispetta lilu li jipprova din l-allegazzjoni u dana skond il-principju legali rinomat li "*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*". Ghandu jinghad li huwa relattivament ferm difficli ghall-prosekuzzjoni li taghmel il-prova ta' fatt negattiv, u cioe` f'dan il-kaz in-nuqqas tal-hlas tad-dazju.  Minn banda l-ohra huwa ferm relattivament ferm aktar facli ghall-akkuzat li jaghmel il-prova tal-hlas ghaliex din tirrigwarda l-ghemil tieghu stess ghaliex fil-kors normali tal-hajja aktar ma l-ammont tal-pagament ikun kbir, aktar wiehed normalment izomm "*record*" tad-data meta hallas, l-ammont li hallas minn fejn hareg jew minn fejn akkwista l-flus li bihom ghamel il-pagament, u dettalji ohra simili.  Fir-rigward tal-kummercjanti, ghandu jinghad li dawn huma obbligati bl-Artikolu 13 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) li jzomm il-hames talba tan-negozju hemm elenkati, li meta jkunu mizmuma tajjab, jaghmluha facli ghal kummercjant li jipprova kull hlas li jkun ghamel fil-kors tan-negozju tieghu. Jekk l-akkuzat jirnexxielu jaghmel prova tal-hlas tad-dazju, huwa jirnexxielu jinnewtralizza kompletament il-prova tan-nuqqas ta' hlas li tkun ghamlet il-prosekuzzjoni aktar qabel.  Bi prova bhal din, l-akkuzat ikun irnexxielu juri li "*records*" tad-dwana ma humiex affidabbli u allura l-akkuza relattiva tisfa fix-xejn.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Artikolu 77 in kwistjoni ma jezentax il-prosekuzzjoni milli tipprova l-elementi kollha tar-reat inkluz dak tan-nuqqas tal-hlas tad-dazju.  Izda meta l-akkuzat iqanqal kwistjoni dwar il-hlas, fis-sens li huwa jallega li kien hallas id-dazju relattiv, ovvjament tqum in-necessita` li huwa stess jipprova din l-allegazzjoni tieghu.  Imbaghad ikun jispetta lill-Qorti li tevalwa u tezamina l-provi kollha li tressqu quddiemha cioe` kemm dawk imressqa mill-prosekuzzjoni u kemm ukoll dawk imressqa mid-difiza dwar il-kwistjoni tal-hlas, sabiex il-Qorti tiddeciedi liema verzjoni ghandha

titwemmen u b'mod li jekk ikun hemm dubju plawsibbli dwar l-allegat nuqqas ta' hlas tad-dazju allura dik il-Qorti tkun tista' tillibera lill-akkuzat mir-reat in kwistjoni. Fil-fehma tal-Qorti, l-imsemmi Artikolu 77 huwa necessarju, huwa ragjonevoli u huwa gustifikat u ghandu ghan legittimu. Inoltre, jidher li jirrispetta l-principju tal-proporzjonalita` kif ukoll id-drittijiet tad-drittijiet tad-difizi u certament ghalhekk, ma hemmx kwistjoni inkompatibbli ma' l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni jew ma' l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni.

33. Ghall-kompletezza, din il-Qorti jidhrilha li jkun utili li ticcita l-osservazzjoni maghmula minn Stefan Treschsel fil-ktieb tieghu **Human Rights in Criminal Proceedings** (Oxford University Press, 2005, pagni 170 u 171), fejn wara li spjega kif imxiet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Salabiaku v. France**, ikkummenta hekk:
*"Assessment: While the result of the judgement in Salabiaku is satisfactory, the reasoning used to reach the conclusion is rather less so. In essence, the Court seemed to be saying that although the custom-offences legislation contained a presumption of guilt the existence of the principle of force majeure meant that the defence still had the chance to prove its innocence. This is tantamount to admitting that there is a presumption of guilt, but holding that as it is rebuttable there is no violation of the right to be presumed innocent.*

*The Court's reasoning lacks an explanation for the justification of the presumption in the first place. The reason for this can be found in the circumstances of the specific case. Customs legislation requires persons who take possession of imported goods to make sure that the customs formalities have been complied with. In other words, they are under a specific obligation of carefulness. It is not reasonable to expect the customs' authorities to prove the 'negative fact' that the necessary care was not applied. On the other hand, going through the required formalities leaves traces which it is easy to produce in evidence. To take possession of imported goods without such proof is connected with a risk. Creating this risk is the offence - it is usually proved without difficulty. It is not*

*unfair, then, to require the person concerned to show that in this specific case the formalities were complied with."*

34. Il-Qorti sejra issa tghaddi biex tikkonsidra t-tielet parti ta' l-aggravju msemmi dwar l-allegat ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza. F'din il-parti tar-rikors ta' l-appell, l-appellanti ssottomettew hekk:
"L-ewwel Onorabbli Qorti hija zbaljata fil-konkluzjoni li r-rikorrenti qeghdin ifittxu stharrig tal-mertu fir-rigward tal-provi li ngabru quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Kif iddikjaraw l-istess rikorrenti quddiem l-Onorabbli Qorti tali stharrig imur oltre t-talbiet taghhom. Stharrig gudizzjarju fir-rigward ta' ilmenti dwar ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza, hekk kif anke jirrikjedi kwalunkwe stharrig taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, jinnecessita` stharrig tal-process intier u cioe` ta' l-elementi ta' dak il-process fl-interezza taghhom bhala process shih. Ir-rikorrenti ma huma bl-ebda mod jistennew li qorti b'kompetenza Kostituzzjonali tirrivedi l-akkuzi u l-provi u taghmel xi valutazzjoni ta' innocenza o meno fil-konfront tar-rikorrenti. Dan ma huwiex il-kompitu ta' tali Qorti. Pero` huwa kompetenza ta' Qorti dotata b'gurisdizzjoni u kompetenza kostituzzjonali li tistharreg u tezamina dak il-process kriminali fl-interezza tieghu u tikkonfronta dak il-process li sehh ma' principji fundamentali bhal presunzjoni ta' l-innocenza u l-limiti li huma imposti mid-drittijiet fundamentali protetti taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea li dawn jimponu fuq il-ligi ordinarja u fil-parametri ta' liema Qorti ta' kompetenza u gurisdizzjoni kriminali trid tmexxi l-process u tiddelibera."

35. Jirrizulta sodisfacentement li fil-kors ta' din il-kawza, kemm quddiem l-ewwel Qorti u kemm ukoll quddiem din il-Qorti, iz-zewg appellanti ghamlu tentattiv qawwi u konsistenti, kultant apertament u kultant b'mod indirett u sottili, biex jittentaw jergghu jifthu l-kwistjoni dwar l-evalwazzjoni tal-provi li diga` sar mill-Qorti ta' l-Appell Kirminali. F'dan il-kuntest jidhru flokhom u sostanzjalment korretti l-kummenti maghmula fis-sentenza appellata dwar x'inhu r-rwol veru u x'inhuma l-limiti precizi li jitqeghdu fuqha mil-ligi biex tistharreg ilment ta' natura

kostituzzjonali dwar smigh xieraq, li jkun jolqot operat ta' qorti jew tribunal. Ghandu jigi enfasizzat li l-kaz odjern ma huwiex appell mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-kompitu ta' din il-Qorti, kif kien ta' l-ewwel Qorti, ma huwiex li tezamina l-process kriminali biex tara jekk is-sentenza impunjata ghamlitx valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process, jew jekk dik il-Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali interpretatx u applikatx korrettement id-disposizzjonijiet li fuqhom kienu msejsin l-imputazzjonijiet. Kieku din il-Qorti kellha tassumi dan il-kompitu, hija tkun qieghda tqieghed lilha nnifisha bhala qorti tat-tielet grad. Certament din il-Qorti qatt ma nghatat din il-mansjoni u din il-gurisdizzjoni. Minflok, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tezamina l-process kriminali u partikolarment is-sentenza impunjata bl-iskop li tistabilixxi jekk dak il-process, ikkonsidrat fl-assjem tieghu, kienx ta smigh xieraq lill-akkuzati u kienx wiehed "*fair*" billi partikolarment jigi stabbilit jekk id-drittijiet fondamentali ta' l-appellanti msemmija fir-rikors promotur dwar il-prezunzjonijiet hemm riferiti u dwar id-dritt li jkunu gudikati minn Qorti imparzjali, kienx skrupolozament osservat. Kif josserva l-awtur Stefan Trechsel fil-ktieb fuq imsemmi, ezattament f'pagna 83:

*"The guarantee of a fair trial is "only" a procedural gurantee, designed to secure "procedural justice" rather than "result-orientated justice", i.e. a decision or judgment based on the true facts and the correct application of the law."*

L-istess awtur, f'pagna 174, josserva li jekk il-gudikant jibqghalu dubju f'mohhu dwar il-htija ta' l-akkuzat, huwa ghandu jilliberah skond il-principju "*in dubio pro reo*". Huwa jghid li kwistjoni tad-dubju hija partikolarment importanti waqt il-process kriminali u fl-appell relattiv, izda din il-kwistjoni tad-dubju jkollha wisq anqas importanza fi procediment li jkun immirat ghall-impunjazzjoni tas-sentenza kriminali. L-istess awtur wara li jikkummenta fuq 'l hekk imsejjha *Fourth Instance Doctrine*, abbraccjata mill-Qorti ta' Strasbourg, ikompli jghid hekk:

*"A violation will only occur if it can be established from the judgment that the court convicted the accused despite lingering doubts as to his or her guilt. In one case the*

*Reykjavik district court convicted a defendant on the basis that 'it cannot be seen from the facts of the case and the statements described in the...judgement...that she is more likely to be innocent than guilty'. This can hardly be reconciled with the obligation to give an accused the benefit of doubt. The case was settled, the Governement paid some compensation.*[59]

36. Din il-Qorti taqbel sostanzjalment ma' dik il-parti tar-rikors ta' l-appell fejn l-appellanti jghidu li prezunzjoni favur l-prosekuzzjoni stabbilita fil-ligi penali ghandha tigi applikata mill-Qorti fid-dawl li l-ligi ma tispostax l-oneru tal-prova ta' l-innocenza ta' l-imputati fuqhom. B'hekk, l-oneru jibqa' dejjem fuq il-prosekuzzjoni, b'dana pero` li l-istess presunzjoni tista' anke tigi newtralizzata bi provi siewja mressqa mill-imputati. F'dawn il-parametri jkun jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova, sal-grad rikjest minnha skond il-ligi, u cioe` minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, l-ingredjenti essenzjali tar-reat u huwa minn dan il-punt 'il quddiem li l-oneru jinverti fuq l-imputati li jipprova xi fatt partikolari u dan imqar sal-grad ta' bilanc ta' probabilita`.

37. L-appellanti jillamentaw li l-ewwel Qorti naqset li tezamina l-operat tal-Qorti ta' gudikatura kriminali fil-parametri traccjati fil-paragrafu precendenti. Jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra sew is-sottomissjoni taghhom li, fid-deliberazzjoni li saret mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hija naqset li tapplika l-prezunzjoni ta' l-innocenza u naqset li tapplika l-principju li d-dubju dejjem jittiehed favur l-imputati. Jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti esigiet li l-prova tal-fatti li jmissu lilhom, kellha ssir sal-grad ta' ebda dubju dettat mir-raguni.

38. Din il-Qorti ma tahsibx li l-osservazzjonijiet ta' l-appellanti kontenuti fil-paragrafu precedenti huma korretti jew gusti. Din il-Qorti ezaminat akkuratament is-sentenza appellata u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ezaminat dak kollu li kellha tezamina korrettement skond il-ligi, pero` fl-isfond li hija dejjem zammet il-boghod mill-

[59] *Vilbort Yrsa Sigurdardóttir v. Iceland*, § 10

istedina li saritilha biex hija tidhol fi stharrig li jmur lil hinn mil-gurisdizzjoni attwali taghha fl-odjerna kawza.

39. Fl-ahhar parti ta' l-aggravju dwar l-allegat ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza, l-appellanti qeghdin jillamentaw li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta li tipprezumi li huma istitwew dawn il-proceduri ghaliex instabu hatja. Huma jsostnu li istitwew dawn il-proceduri, ghaliex fil-fehma taghhom, id-deliberazzjoni li saret fil-konfront taghhom fil-process kriminali kien rizultat ta' ksur tad-drittijiet taghhom salvagwardati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea u dan minhabba s-sensiela ta' prezunzjonijiet li fuqhom saret id-deliberazzjoni li kkulminat fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

40. Din il-Qorti taqbel li l-kumment li ghamlet l-ewwel Qorti, u cioe` li l-appellant intavolaw dawn il-proceduri ghax instabu hatja, seta' ma sar xejn. Madanakollu, irid jigi kjarifikat li dan il-kumment ma kkawza l-ebda pregjudizzju ghall-appellanti. Wiehed irid jiftakar li r-rikors promotur taghhom huwa bazat fuq l-allegazzjoni kif is-sentenza impunjata strahet fuq iz-zewg prezunzjonijiet abbinati flimkien li jissemmew aktar qabel f'din is-sentenza u li skond l-appellanti xehtu tant oneru kbir fuqhom li gie li kien jispetta lilhom li ppruvaw huma li kienu innocenti u li ma kienx izjed id-dmir u d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-htija minghajr ebda dubju ragjonevoli. Din l-allegazzjoni ghamluha fil-konfront ta' dawk l-imputazzjonijiet li l-Qorti Kriminali sabithom hatja taghhom u certament ma ghamluhiex fil-konfront ta' dawk l-imputazzjonijiet li dik l-istess Qorti kienet illiberathom minnhom.

41. Illi minn dak li ntqal sa issa, jirrizulta li din il-Qorti ma sabitx fondat l-aggravju ta' l-appellanti dwar l-allegat ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, jidhrilha li l-Qorti li ppronunzjat is-sentenza impunjata kienet ben konxja ta' l-imsemmi dritt fondamentali taghhom u ta' kif dan id-dritt kien affettwat mill-imsemmija Artikoli 77 tal-Kap. 37 u 13 tal-Kap. 249. Is-sentenza impunjata infatti ticcita (ara fol. 1332 tal-process kriminali) silta mis-sentenza tal-Qorti Ewropea

tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Gunju 2002, fil-kawza **Francis John Butler v. The United Kingdom** fejn intqal hekk:
*"...the Court recalls that in criminal proceedings against the accused it is not incompatible with the requirements of a fair trial to shift the burden of proof to the defence....; nor is the fairness of a trial vitiated on account of the prosecution's reliance on presumptions of fact or law which operate to the detriment of the accused, provided such presumptions are confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence". (see the Salabiaku v. France judgement of 7 October, 1988, SERIES A, no. 141-A, p.16 para. 28 in fine; the Pham Hoang v. France judgement of 25 September 1992, Series A no. 243 p. 21 para. 33)"* (enfasi ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza impunjata ghamlet ezami ezawrjenti tassew tal-provi akkwiziti fil-process kriminali u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha a bazi ta' ragjonamenti akkurati. Jidher car li fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha dubju dwar il-htija ta' l-akkuzati jew fejn kien jidhrilha li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi sufficjenti li jmorru lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, dik il-Qorti lliberat, inkluz lill-appellanti stess, minn diversi imputazzjonijiet. Izda, fejn ma kellhiex dubju dwar il-htija ta' l-appellanti, hija sabet htija. Bazikament, meta dik il-Qorti ma qaghditx fuq xi provi li kienu jagevolaw id-difiza, hija ghamlet hekk ghaliex meta vvalutathom fuq bilanc ta' probabilitajiet u fuq is-soliti kriterji tal-verosimiljanza u kredibbilita`, jidher li sabithom deficjenti. Is-sentenza impunjata ma tistax tigi sindakata, taht dan l-aspett, minn din il-Qorti gialdarba rrizulta sodisfacentement li dik il-Qorti ma lledietx id-dritt fondamentali ta' l-appellanti dwar il-prezunzjoni ta' l-innocenza taghhom. Ghalhekk l-aggravju ta' l-appellanti taht dan l-ewwel kap, ma jistax jintlaqa'. Imiss allura li din il-Qorti tezamina t-tieni kap ta' aggravju allegat mill-appellanti.

**Ksur tad-Dritt tas-Smigh Imparzjali**

42. L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hija li minn dak li setghet tara, ir-rikors promotur ta' l-appellanti

cioe` dak tas-7 ta' April 2003, ma fih l-ebda accenn jew allegazzjoni li s-sentenza impunjata kienet tivvjola d-dritt fondamentali taghhom ghal smigh imparzjali. Hemmhekk, huma jilmentaw biss mill-effett ta' l-imsemmija zewg prezunzjonijiet kif ukoll mid-dewmien, u cioe` li ma nghatawx smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Infatti jghidu hekk:
".....l-istess drittijiet fondamentali taghhom gew vjolati sija fid-dawl taz-zmien esagerat li ha l-process kollu biex jigi konkluz, zmien li bl-ebda mod ma kien wiehed ragjonevoli, sija bil-fatt tal-prezunzjonijiet imsemmija li lleda d-dritt taghhom li jigu prezunti innocenti sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju."

43. L-ewwel Qorti ezaminat dan l-ilment dwar l-allegat ta' nuqqas ta' smigh imparzjali li tqajjem mill-appellanti fil-mori tal-kawza. Hija ezaminat il-kwistjoni kemm minn lat dottrinali u kemm ukoll mil-lat fattwali u sabet li s-sentenza impunjata ma ghamlet l-ebda vjolazzjoni ta' dan id-dritt ta' l-appellanti.

44. L-aggravju ta' l-appellanti fil-konfront ta' dawn il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti jista' jigi kkunsidrat taht zewg aspetti. L-ewwel aspett huwa dirett kontra l-osservazzjonijiet ta' natura dottrinali li ghamlet l-ewwel Qorti waqt li t-tieni aspett hu dirett ghal-latt fattwali. L-appellanti qeghdin jikkritikaw din il-parti tas-sentenza appellata partikolarment:
"Illi jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin[60] tqanqlet il-kwestjoni tal-parzjalita` ta’ ġudikant bħala okkażjoni ta’ ksur ta’ jedd għal smigħ xieraq, kellu jintwera għas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti li, fil-każ partikolari, jeħtieġ jirriżultaw flimkien żewġ kwalitajiet ta’ parzjalita’, jiġifieri dik suġġettiva u dik oġġettiva. B’tal-ewwel, wieħed jifhem id-dispożizzjoni u konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun, u, b’tat-tieni, jekk il-ġudikant li jkun kienx jagħti garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed suspett. Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa

[60] Ara Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali***

imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor[61], min jallega l-parzjalita' ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalita' fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa[62]"

45. L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li biex ikun hemm vjolazzjoni ta' l-imparzjalita`, z-zewg kwalitajiet ta' parzjalita` cioe` dik soggettiva u cioe` dik oggettiva jehtieg li jirrizultaw flimkien. Huma jghidu li jekk tkun tirrizulta wahda biss minn tali parzjalita`, dan ikun sufficjenti biex tinstab il-vjolazzjoni. Fuq din il-kwistjoni dottrinali jidher li l-appellanti ghandhom ragun. L-appellanti jkomplu jikkritikaw is-sentenza appellata bl-allegazzjoni li din ma spjegatx sewwa fhiex tikkonsisti parzjalita` soggettiva u fhiex tikkonsisti parzjalita` oggettiva. Din il-Qorti tikkonfessa li ma fehmitx xi jridu jghidu ezattament l-appellanti b'din il-kritika taghhom. L-ewwel Qorti tat is-sinjifikat klassiku taz-zewg testijiet kif johrog mid-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg. Normalment il-kuncett ta' imparzjalita` huwa wiehed car u ben not, izda mhuwiex eskluz li kultant jista' jaghti l-kaz li aspetti ta' imparzjalita` jigu denominati taht "tikketta" differenti. Infatti huwa f'dan is-sens il-kumment ta' Stefan Trechsel, li fl-imsemmi ktieb tieghu (pagna 62) jghid hekk:
*"As to the condition of "impartiality" within the meaning of that provision, there are two tests to be applied: the first consists in trying to determine the personal convinction of a particular judge in a given case and the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.*[63]

*This separation between two tests - in some judgements the Court speaks of 'approaches'*[64] *- is quite convincing although the labels are not. It would be preferable to distinguish between an 'objective' test - is the judge*

[61] ECHR **23.6.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***LeCompte, van Leuven and De Meyere vs Belgium*** (Applik. Nru. 6878/75) par 58
[62] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 235
[63] *Incal v. Turkey, §65, where the Court also refers to Gautrin and other v. France, §58; see also e.g. Hauschildt v. Denmark, § 46; Thorgeir Thorgeirson v. Iceland, § 49*
[64] *Piersack v. Belgium and De Cubber v. Belgium*

*objectively biased? - and a 'subjective' test - does the judge appear to be biased in the eyes of the accused?*[65]*"*

46. L-appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata fejn din irrikjediet li "min jallega l-parzjalita` ta' gudikant irid jipprova tali parzjalita` fil-fatt....". Huma jghidu illi minhabba prova bhal din hija difficli hafna li taghmilha, dak li hu rikjest huwa, mhux li ssir prova li ma thalli l-ebda dubju, izda biss li titressaq prova li oggettivament mehuda fic-cirkostanzi tal-kaz, fuq bazi ta' probabbilita` twassal ghal dik l-imparzjalita`.

47. L-appellanti ghandhom certu ragun f'din is-sottomissjoni. Madanakollu, dak li qalet l-ewwel Qorti kellu jigi interpretat b'mod ferm aktar liberali milli interpretawh l-appellanti. Qed jinghad hekk ghaliex fis-sentenza appellata stess, hemm accenn ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea, fosthom is-sentenza **Kraska v. Switzerland**, fejn l-importanza ta' l-apparenzi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja hija enfasizzata. U verament, f'dan il-kuntest, l-apparenzi ghandhom rwol importanti wkoll. Infatti fis-sentenza **Coeme and Others v. Belgium**, moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg fit-22 ta' Gunju 2000, Applicaiton Number 32492/96 paragrafu 121, il-Qorti osservat hekk:
"In this respect [....] even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused (seen among other authorities, the Hauschildt v. Denmark judgement of 24 May 1989, Series A No. 154, p. 21, paragraph 48, and the Pullar v. the United Kingdom judgement of 10 June 1996, Reports 1996-III, p. 794, paragraph 38). In deciding whether there is a legitimate reason to fear that a court lacks independence or impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis, the Hauschildt jugdement cited

[65] *Cf. Trechsel (1984) 385 at 394; Kiener (2001) 60 criticizes the Court for not always being clear and consistent*

above, p. 21, paragraph 48, and the Gautrin and Others judgement cited above, pp. 1030-1031, paragraph 58)."

48. Is-sustanza vera ta' l-aggravju ta' l-appellanti dwar l-allegata imparzjalita` hija ravvizzata mill-appellanti f'dak li l-gudikant li ppronunzja s-sentenza impunjata, kiteb huwa stess fl-istess sentenza. L-appellanti spjegaw dana l-ilment taghhom hekk:
"Il-pregudizzju fil-konfront ta' l-esponenti gie ravvizzat fis-sentenza moghtija fil-konfront taghhom b'mod car u manifest meta l-gudikant qal li qieghed jikkunsidra r-reputazzjoni ta' terz li jigi mill-familja ta' l-esponenti, u li lanqas kellu xejn x'jaqsam mal-process in kwistjoni. Fil-fatt il-gudikant ikkunsidra u qal huwa stess bil-miktub fis-sentenza moghtija minnu, li ladarba dan it-terz ghandu reputazzjoni fir-rigward ta' processi penali u ladarba dan it-terz huwa wiehed mill-familjari tar-rikorrenti, allura dan huwa indikazzjoni tar-reputazzjoni ta' l-istess rikorrenti u cioe` li ghandhom reputazzjoni hazina huma wkoll. Fi kliem semplici l-gudikant fi kliemu sess ra r-reputazzjoni ta' terz familjari tar-rikorrenti pero` li ma ghandu xejn x'jaqsam mal-kaz in kwistjoni, u qal li la dawn jigu minn xulxin ir-reputazzjoni ta' wiehed tohloq idea tar-reputazzjoni ta' kull min jigi minnu.

Minghajr ma l-esponenti jikkummentaw dwar din ir-reputazzjoni ta' terz, huma pero` joggezzjonaw li kunsiderazzjonijiet dwar terzi ghandhom jirriflettu u jcappsu lilhom b'tali mod li jwasslu sahansitra ghall-htija taghhom fi process taghhom. Kien zbaljat il-gudikant li jikkunsidra l-opinjoni tieghu fil-konfront ta' terz li huwa jaf li ghandu l-istess kunjom bhar-rikorrenti u jhalli dik l-opinjoni twasslu ghal deduzzjoni fir-rigward tar-reputazzjoni tar-rikorrenti u jikkunsidra l-htija o meno taghhom fid-dawl ta' tali opinjoni. Anke jekk din ma kenitx l-unika binarju li mexa fuqha l-gudikant, u anke jekk dan kien biss kumment kif l-ewwel Qorti sejhitlu, certament li l-konkluzjoni tieghu kienet anke mibnija fuq din l-opinjoni li huwa esprima u hija sufficjenti sabiex twassal ghal dik il-parzjalita` li ma tistax tintwera fi process minghajr ma twassal ghal ksur ta' smigh xieraq."

49. L-appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata, li spiccat li ma laqghetilhomx l-ilment taghhom dwar l-allegata imparzjalita`, testwalment hekk:
"L-ewwel Qorti sostniet li dak il-kumment ma jwassalx ghal pregudizzju ghaliex qabel ma nkitbet is-sentenza l-gudikant ikun ghamel deliberazzjoni serena. Ir-rikorrenti pero` jsostnu li s-sentenza moghtija hija frott u espressjoni ta' dik id-deliberazzjoni, u ma jista' ikun hemm qatt deliberazzjoni serena meta dik id-deliberazzjoni tkun imsejsa fuq pregudizzju u parzjalita`."

50. Jidher li dan l-ilment ta' l-appellanti huwa mmirat lejn is-segwenti siltiet mis-sentenza impunjata li precizament jinsabu a fol. 1335 sa 1337 tal-process kriminali:
"Illi jidher li dan l-abbuz issuccieda ghall-firxa ta' zmien b'mod regolari u l-konsenji affettati biha kienu jirrigwardaw biss li z-zewg socjetajiet ta' l-appellati u socjeta` ohra li l-uniku direttur taghha hu persuna bl-istess kunjom mhux komuni ta' tlieta mill-appellati. Dwar dan l-ahhar kaz hemm appell iehor pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

-omissis-

"Illi gustament jissottometti l-appellant Avukat Generali li mhu xejn verosimili, probabbli jew possibbli li l-flus kienu verament thallsu lil kaxxiera diversi u li dawn kollha fi granet differenti u f'cirkostanzi differenti b'kumninazzjoni approprjaw ruhhom minn somom kbar lilhom imhallsa billi ma dahhluhomx fil-cash book u tefghuhom fil-but u dana biss, minn daqstant eluf ta' importaturi, fil-kaz taz-zewg socjetajiet ta' l-appellati. Din l-ipotesi tippresupponi xi speci ta' ko-operattiva tal-kaxxiera kollha tad-Dwana - li ta' spiss kienu jinbidlu kif irrizulta - li b'kongjura bejniethom jiddeciedu li proprju jittargetjaw lil dawn iz-zewg socjetajiet u lil hadd aktar - hlief socjeta` ohra importatrici ta' qarib ta' tlieta mill-akkuzati - ghal dan l-agir kriminuz. Din l-ipotesi hija ghal kollox "far fetched" u ma tistax tittiehed bis-serjeta` kif donnha haditha l-ewwel Qorti.

-omissis-

"Imbaghad meta wiehed iqis li dan is-serq jew mizapproprijazzjoni da parti ta' l-impjegati tad-Dwana dejjem kien qed jikkoncerna - minn daqstant mijiet u eluf ta' importaturi f'Malta - biss liz-zewg socjetajiet ta' l-appellati u lil socjeta` ohra b'Direttur bl-istess kunjom rari, dana kemm hu verosimili u probabbli?  Il-buon sens li kull gudikant irid juza meta jigi biex japprezza l-fatt ma jistax iqis dawn l-ipotesijiet bhala verosimili.  Jekk kien hemm dan l-abbuz mill-impjegati tad-Dwana ghaliex kien qed isir biss meta titfaccja entry ta' Tessons Ltd. jew ta' J. Cachia Caruana Limited u tat-terza socjeta` fuq imsemmija u ebda importatur iehor?

-omissis-

"L-erarju pubbliku zgur li ma rcevix l-ammonti indikati f'dawn l-entries ghax il-flus li kienu jigu percepiti mid-Dipartiment tad-Dwana u depozitati fil-bank kienu ovvjament dawk li jidhlu fil-cash books tieghu.  Illi l-entries kollha in kwistjoni kienu taz-zewg socjetajiet li jissemmew fic-citazzjoni liema socjetajiet zdoganaw il-merkanzija li fuqha suppost thallsu d-dazju u/jew levies.  Ebda importatur iehor - hlief wiehed bl-istess kunjom ta' tlieta mill-appellati li l-kaz tieghu jifforma l-mertu ta' proceduri kriminali separati - mill-eluf ta' importaturi ohra li importaw konsenji fil-perijodu relattiv ma kien effettwat b'dan il-fenomenu."

51. Dawn is-siltiet jirreferu ghal wiehed mid-diversi argumenti migjuba 'l quddiem mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha, li bihom immotivat il-konkluzjoni taghha, li l-appellanti odjerni ma kenux ghamlu prova tajba ta' l-allegazzjoni taghhom, li huma kienu hallsu d-dazju li kien jidher fuq l-*entries* tad-Dwana in kwistjoni.  Kien irrizulta mix-xiehda ta' Herbert Agius, li tinsab a fol. 75 tal-process kriminali, liema xiehda nghatat quddiem il-Qorti Istruttorja fis-seduta tas-26 ta' Marzu 1992, li l-investigazzjonijiet tad-Dipartiment tad-Dwana kienu saru fuq zewg binarji.  Kienet saret tfittxet ta' l-*entries* kollha tad-Dwana fuq isem certi importaturi, u mbaghad saret *blanket search* ta' *entries* ghall-perjodu pretiz u cioe` minn Gunju 1989 sa Gunju 1991, fil-

*cashbooks*. Agius zied jghid li ghal habta ta' Lulju kienu sabu sebgha u sittin (67) *entry* illi, ghalkemm fuqhom kien hemm *received payment*, il-pagament ma kienx irrizulta li kien registrat fuq il-*cashbooks* relattivi tad-Dwana.

52. Jirrizulta in succint li d-difiza ta' l-akkuzati kienet fis-sens, li huma kienu dejjem hallsu id-dazju fi flus kontanti u kienu ssottomettew li gialadarba l-hlasijiet ma kenux gew registrati fil-*casbooks* tad-dipartiment tad-dwana, allura dawn il-flus kienu gew misruqa jew misapproprijati mill-impjegati tad-Dwana stess. Jidher li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet sabet li l-*entries* tad-Dwana inkriminanti kollha li gew skoperti bl-investigazzjonijiet li saru, kienu jappartjenu esklussivament lis-socjetajiet rispettivi ta' l-appellanti u lil socjeta` ohra importatrici, li nzertat ta' qarib ta' tlieta mill-akkuzati. Meta dik il-Qorti kienet qieghda tgharbel u tizen is-soliti kriterji li juza kull gudikant biex jistabbilixxi l-verosimiljanza u l-kredibbilita` ta' tezi ta' xi parti li tkun tikkonfliggi ma' tezi ta' xi parti ohra, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-tezi ta' difiza ma kienet xejn verosimili, probabbli u possibbli. Dana ghaliex, li kieku s-serq kien qieghed isir mill-impjegati tad-Dwana, minn daqstant eluf ta' importaturi, huma ma kenux jittargitjaw biss liz-zewg socjetajiet rispettivi ta' l-appellanti u socjeta` ohra ta' qaribhom. Minn fol. 890 tal-process kriminali kien jirrizulta li dan il-qarib ta' l-appellanti kien tressaq fil-25 ta' Novembru 1992, taht arrest akkuzat b'reati simili ghall-kaz odjern.

53. Din il-Qorti ccitat u spjegat dettaljatament x'jinsab miktub fis-sentenza impunjata billi dehrilha li l-kummenti ta' l-appellanti (ara para. 48 supra) huma pjuttost imprecizi u certament esagerati. L-appellanti jidher li qeghdin ifittxu x-xaghra fl-ghagina. Certament il-kumment dwar "persuna bl-istess kunjom mhux komuni" seta' liberament thalla barra ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti l-argument li kienet qieghda tisvolgi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali xorta wahda kien jibqa' sod u logiku. Madanakollu, il-fatt li dak il-kumment sar, certament, ma huwa l-ebda prova li oggettivament jiggustifika tnissil ta' suspett, li l-gudikant in kwistjoni kien qieghed juri "*bias*" kontra l-appellanti. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tirribadixxi li, kemm jista'

ikun, kull gudikant ghandu jkun sensittiv ghas-sentimenti ta' min sejjer jintlaqat bil-kummenti li jitnizzlu fis-sentenza tieghu, u allura huwa desiderabbli li joqghod attent ghal kull kelma li juza biex jesprimi ruhu u biex jisvolgi l-argumentazzjoni tieghu. Madanakollu, biex jisvolgi x-xoghol delikat u oneruz tieghu, il-gudikant ghandu d-debita liberta` li jesprimi ruhu, jekk il-kaz ikun hekk mehtieg, anke billi juza termini iebsin, purke` dawn ikunu flokhom u ma jkunux motivati minn xi animosita` jew antipatija lejn xi parti fil-kawza. Wiehed isaqsi: li kieku l-gudikant in kwistjoni kellu xi animosita` lejn il-persuni appartenenti ghal qarib "bl-istess kunjom mhux komuni", huwa kien sejjer jillibera kompletament lil wiehed mill-akkuzati bl-istess kunjom? U li kieku dan il-gudikant kien tant parzjali, kif ippruvaw ingustament ipinguh l-appellanti, huwa kien jasal li jilliberahom minn diversi imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra taghhom?

54. Din il-Qorti ezaminat akkuratament is-sentenza impunjata u waslet ghall-istess konkluzjoni li kienet waslet ghaliha s-sentenza appellata, u cioe` li ma hemm l-ebda prova li effettivament tiggustifika suspett li l-gudikant in kwistjoni wera xi parzjalita` jew *bias* kontra l-appellanti fil-process kriminali li kkulmina lis-sentenza impunjata. Konsegwentement anke dana l-aggravju ta' l-appellant m'huwiex sostenibbli.

**<u>Ksur tas-Smigh Xieraq Fi Zmien Ragjonevoli</u>**

55. Fir-rikors ta' l-appell taghhom, l-appellanti spjegaw dan l-aggravju taghhom testwalment hekk:

"Illi dwar iz-zmien ragonevoli jinghad li kienet skorretta l-ewwel Onorabbli Qorti li ssib din il-materja ghaddiet in gudikat u dan billi l-proceduri mibdija mir-rikorrenti ghadhom pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Hija l-umli sottomissjoni ta' l-esponenti li meta wiehed jiehu l-perjodu kollu ta' dawn il-proceduri bilfors ikollu jasal ghall-konkluzjoni li kien hemm vjolazzjoni ta' din id-dritt. Haga li del resto gia` kkonkludiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gudizzju pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Meta wiehed jiehu l-procedura shiha minghajr ma jispezzettaha f'zewg perijodi, haga li jigi sottomess mhux lecitu, huwa evidenti li l-mera dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni tad-dritt ma

kienitx sufficjenti biex taghmel tajjeb ghal lezjoni. Huwa importanti li wiehed jiftakar li f'tali cirkostanzi fuq medda taz-zmien tal-fuq minn ghaxar snin elementi probatorji importanti jistghu jigu neqsin bis pregudizzju kbir ta' l-imputat. U ghalhekk huwa evidenti li t-trapass ta' tali zmien jimmilita kontra li jkun saret gustizzja trasparenti."

56. L-appellanti ghandhom ragun jipprecizaw li fid-data meta nghatat is-sentenza appellata, ma kienx ghad hemm gudikat dwar il-proceduri l-ohra (ara para. 10 supra) mibdija mill-istess appellanti u li fihom kienu qeghdin jallegaw vjolazzjoni ta' dan id-dritt fondamentali taghhom, cioe` ta' ksur ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Madanakollu, kienu l-istess appellanti li x'aktarx zvijaw l-ewwel Qorti. Dan qieghed jinghad ghaliex fir-rikors promotur taghhom (ara fol. 3 tal-process) huma <u>zbaljatament</u> kienu ppremttew hekk:

"Illi wara hafna snin ma jsir xejn fl-istess kawza kriminali l-istess rikorrenti kienu rrikorrew quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn ilmentaw li d-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kien qieghed jigi vjolat. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabet li dak id-dritt taghhom kien effettivament qieghed jigi vjolat u ordnat li l-proceduri jimxu b'aktar heffa; <u>dina s-sentenza kienet giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-29 ta' Marzu, 1999</u>." (enfasi ta' din il-Qorti)

Effettivament, fid-29 ta' Marzu 1999, kienet il-Prim Awla tal-Qorti Civili li ppronunzjat is-sentenza taghha. Kien sar appell minnha quddiem din il-Qorti u dik il-kawza kienet tmexxiet kontestwalment mal-kawza odjerna u z-zewg appelli qeghdin jigu decizi llum stess. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li ma jaghmilx sens li hija tkompli tamplifika fuq dan l-aspett tal-kawza ladarba hemm kawza *ad hoc* bl-istess meritu, fejn l-ilment specifiku ta' l-appellanti gie ampjament konsidrat u deciz.

57. Illi ghalhekk fid-dawl tad-diversi konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti, l-appell ma jistax jintlaqa'. Madanakollu, ikun gust u opportun li jkun ordnat temperament fil-kap ta' l-ispejjez minhabba l-komplessita` kif ukoll in-novita` ta' parti sinjifikati mill-meritu li gie deciz.

58. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata. Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------